# IL-PULIZIJA

Diċembru 2021 · Vol 28 · Nru 3




PULIZIJA TA' MALTA

DOMINE DIRIGE NOS

NEWSPAPERPOST













**Scholl Autumn/Winter Collection 2021** *out now.*
*Visit schollcentre.com to view the entire collection or visit one of our* ***Scholl Foothealth Centres*** *at:*
*The Point - Sliema, Valletta, Mosta, Fgura and Victoria -Gozo.*

*Shop online and get* ***Free Delivery!****

*schollcentre.com*

**Gozo 4 Eur Courier service*

*Scholl® and the Scholl® logo, Gelactiv®, Bioprint®, Memory Cushion®, Scholl Biomechanics®, Pescura®, Party Feet® and Pocket Ballerina® are trade marks of the Reckitt Benckiser Group of companies and are used under license.*

# Werrej


04 **Il-Messaġġ** Tal-Ministru

06 **Il-Messaġġ** Tal-Kummissarju

08 **Dan l-aħħar** Minn PC 2025 Charlene Cilia

13 **Id-Difiża tal-Entrapment** Minn Dr. Mark Said

17 **Q&A** Minn Dr. Mary Muscat

21 **Il-Kura Fiżika** Employee Support Programme Unit

22 **Ambizzjoni** Intervista ma' PC 2444 Jesred Piscopo

27 **Smart Policing** Mill-Uffiċċju tal-Proġetti

33 **Kultura u l-folklor Malti** Minn SM Joe Borg

41 **Malta Police Union** Minn Neville Mercieca

47 **Police Officers Union** Minn PS 1583 Steve Spiteri

51 **Pensjonanti** Kitba ta' Martin Pace

55 **Paġna tal-Isports** Avvenimenti Sportivi

59 **Rokna ta' tfal** Tpinġija mit-tfal

61 **Apprezzamenti** Mingħand il-Kommunità

62 **Obitwarju**


# Editorjal

Wasalna biex nagħlqu sena oħra. Minkejja li kienet sena oħra ta' pandemija, madanakollu dan jidher li ma żammniex lura mill-avvenimenti; minn promozzjonijiet, inawgurazzjonijiet, żviluppi infrastrutturali u bosta pjanijiet li diġà qed naraw il-bidu tagħhom. L-artiklu 'Dan l-Aħħar', li f'kull edizzjoni niġbru fih xi jkun ġara f'dawn l-aħħar tliet xhur, din id-darba ġbarna fih rikapitulazzjoni żgħira ta' din is-sena.

Mill-banda l-oħra konxji mill-fatt li qegħdin f'dinja mgħaġġla ddominata mill-midja soċjali, fejn l-informazzjoni tkun f'idejna f'sekondi u ħadd mhu qed jippretendi xi flash news f'dan l-magażin, għaldaqstant xtaqna li f'din l-edizzjoni ninkludu xi artikli li l-kontenut tagħhom għal xi wħud se jkun ġdid. Fosthom artiklu dwar kollega li riċentament rebaħ titlu mondjali fil-kick boxing, kif ukoll artiklu li minkejja li ma għandu l-ebda konnessjoni diretta mal-pulizija, jinkludu riċerka interessanti dwar l-istorja.

Ma nistax nagħlaq dan l-aħħar editorjal tas-sena 2021 mingħajr ma nirringrazzja lil kull min b'xi mod jew ieħor ikkontribwixxi sabiex jinħareġ dan il-magażin, b'mod speċjali lill-kollegi tal-bord editorjali li f'isimhom, flimkien mal-ħidma t-tajba, nawgurawlkom il-Milied u s-Sena t-tajba.


# Membri tal-bord

**President**
Spettur David Bugeja

**Editur**
Spettur Rodienne Bartolo Haidon

**Membri**
PS 2280 - Louise Busuttil
PC 2025 - Charlene Cilia
PC 2176 - Sloune Gatt Fabri
Jean Paul Vella

**Qari tal-Prova**
Spettur Rodienne Bartolo Haidon
PC 2019 - Daniela Grima Sultana




*Ritratt mill-Pulizija ta' Għawdex*


**Disinn u Fotografija**
Jean Paul Vella
PC 920 - Clive Pace

**Nota ta' ringrazzjament**
Il-Pulizija tirringrazzja lid-ditti u l-aġenti tar-reklamar li għoġobhom jagħtu l-għajnuna tagħhom. L-artikli li jidhru f'dan il-magażin ma jirriflettux bilfors l-opinjoni tal-Bord. Kull korrispondenza għandha tkun ittajpjata u għandha tintbagħat fl-indirizz hawn taħt: Editur, "Il-Pulizija", Communications Office, Police Headquarters, Floriana, VLT 2000 jew ***magazine.police@gov.mt***

**Riklamar**
ABILITY PUBLICATIONS LTD.
Tel: 21 241317
e-mail: abpublicationsltd@gmail.com
Stampar
GUTENBERG PRESS



# Il-Messaġġ tal-Ministru

L-2021 kienet sena ta' sfidi. Sena li matulha kellna nkomplu naffrontaw l-akbar sfida mit-Tieni Gwerra Dinjija, jekk mhux saħansitra l-akbar sfida ta' kull żmien. Il-pandemija bidlet ħajjet kulħadd mill-kbir saż-żgħir. Madankollu, minn żmien li seta' farrak lil pajjiżna, kif għamel lil pajjiżi oħra, minflok spikkat ir-reżiljenza tal-forzi tal-ordni u l-kapaċità tagħkom li tqumu għall-okkażjoni.

Dan huwa messaġġ ta' ringrazzjament tiegħi lilkom, il-membri tal-Korp tal-Pulizija tas-sagrifiċċji kbar li għamiltu biex ipproteġejtu lill-pajjiż f'dan iż-żmien delikat. Kburi bil-ħaddiema kollha li jaħdmu fiż-żamma tal-ordni u ta' dan il-poplu Malti u Għawdxi żgur li ser jibqa' grat lejkhom. Iżda s-sena 2021 kienet mhux biss ikkaraterizzata mal-infurzar tal-miżuri tal-COVID-19. F'dawn l-aħħar tnax-il xahar ħdimna fuq diversi proġetti biex flimkien mal-amministrazzjoni tal-Korp inkomplu nsaħħu u nimmodernizzaw il-Korp tal-Pulizija.

Komplejna nimplimentaw l-Istrateġija ta' Trasformazzjoni 2020-2025 biex il-Korp tal-Pulizija tassew jinbidel minn forza għal servizz. Sodisfatt ħafna li sena wara li tnediet din l-istrateġija, il-Korp tal-Pulizija huwa iktar fdat mill-pubbliku. Ir-riżultati li rnexxielna niksbu fl-ewwel sena ta' implimentazzjoni fl-eqqel ta' pandemija jibgħat sinjal b'saħħtu. Assigurajna li ninvestu f'tagħmir u vetturi ġodda biex ikollkom għodda moderni għad-dispożizzjoni tagħkom filwaqt li nżidu l-effiċjenza fuq il-post tax-

xogħol. Introduċejna sistema ġdida ta' bodycams li qed twassal għal aktar kontabbiltà u trasparenza fil-Korp tal-Pulizija. B'investiment ta' aktar minn miljun ewro, dan il-proġett se jwassal biex ikollna soċjetà aktar sigura u diġà qed naraw il-frott ta' dan il-proġett.

Saħħaħna l-community policing hekk kif dan is-servizz ġie estiż għal aktar lokalitajiet madwar il-pajjiż u dalwaqt ser ikun qed jibda jopera f'Għawdex ukoll. Ilkoll tafu s-suċċess ta' dan il-proġett u kif permezz tiegħu l-Korp tal-Pulizija llum qed ikun punt ta' referenza. Għalhekk inħossni kburi li l-Korp qed jerġa' jżid is-sens ta' komunità fl-ibliet u fl-irħula. Dan huwa parti minn ħolqa ta' inizjattivi ħalli s-soċjetà li intom u l-familja tagħkom huma parti minnha, tkun protetta.

Dejjem ngħid li lil hinn mill-apparat, l-aqwa riżorsa tal-Korp mhix it-teknoloġija moderna, imma l-pulizija. Nieħu gost li jsir l-investiment fil-vetturi u f'sistemi ġodda, imma l-aktar li nieħu gost huwa meta nara li intom qed tiġu rikonoxxuti għas-servizz li qed tagħtuna.

Nistenna mingħandkom li tkomplu taħdmu għall-ġid tas-soċjetà, l-imġieba tagħkom tkun eżemplari u impekkabbli, li tirrispondu kull sejħa fl-inqas ħin possibbli, li tkunu aktar viżibbli fit-toroq u li verament tkunu viċin in-nies. Nemmen li għall-forzi tal-ordni l-investiment qatt mhu biżejjed. U qatt mhu biżejjed, għaliex l-isfidi li jħabbtu wiċċhom magħhom dejjem qed jinbidlu. Bl-investiment li qed jagħmel il-Gvern fil-qasam tas-sigurtà qed nassiguraw li l-pajjiż għandu Korp tal-Pulizija li huwa dejjem aqwa u aħjar.

Għal darb'oħra nirringrazzjakom tal-ħidma tagħkom u nixtieq nieħu din l-opportunità biex nawguralkom l-festi t-tajba.

*Grazzi u Awguri.*



# Il-Messaġġ tal-Kummissarju



### Sena ta' Tiġdid

Għall-grazzja ta' Alla għaddiet sena oħra minn fuqna. Kienu tnax-il xahar ikkaratterizzati minn kontinwazzjoni ta' tiġdid li nidejna fl-2020. Kważi żewġ sekli ilu, Sir Robert Peel kien sostna li l-abbiltà tal-pulizija li jaqdu dmirijiethom b'mod effettiv hija dipendenti mill-approvazzjoni tal-pubbliku u allura l-abbiltà tal-pulizija li nattiraw ir-rispett tal-pubbliku lejna.

B'dan f'moħħna fl-2020 il-Korp tal-Pulizija vara Strateġija ta' Trasformazzjoni msejsa fuq ħames snin li hija primarjament intiża sabiex inkattru l-fiduċja tal-poplu fil-Korp. Proprju l-missjoni tal-Korp tenfasizza mhux biss il-ħtieġa li nkunu fdati imma wkoll li naħdmu fi sħubija mal-komunità. B'wiċċi minn quddiem nista' ngħid li fl-aħħar sena saħħaħna ż-żewġ aspetti billi kabbarna l-ħidma tagħna fil- u mal-komunitajiet filwaqt li saħħaħna l-fiduċja tan-nies fina.

Il-Korp qed jaħdem qatigħ sabiex ikattar il-fiduċja u dan billi mhux biss saħħaħna l-komunikazzjoni u l-konsultazzjoni ma' stakeholders prinċipali, imma wkoll introduċejna miżuri u policies li jsaħħu l-governanza tajba fil-Korp. Ewlenin fosthom hemm it-twaqqif u l-konsolidament ta' Internal Audit Department kif ukoll il-pubblikazzjoni ta' diversi policies, partikolarment Kodiċi ta' Etika ġdid u anke policy kontra l-frodi u l-korruzzjoni fil-Korp.

Fl-aħħar ġimgħat u xhur konna għaddejjin b'diskussjonijiet sabiex, wara qbil bejn kulħadd, varajna policy li tirregola t-testijiet tad-droga u x-xorb alkoħoliku fuq il-membri tal-Korp. Għodda utli ferm li introduċejna matul din is-sena kienu l-body-worn cameras li dawn mhux biss isaħħu l-kontabbiltà, imma huma tagħmir li jassistu ferm fl-operat tal-Korp, partikolarment fil-ġbir tal-provi. Dan filwaqt li qed joħroġ ċar li din l-għodda tikkontribwixxi wkoll għal titjib fl-imġiba tal-pubbliku lejn il-membri tal-Korp.

Fl-istess waqt irridu naraw li l-Korp tal-Pulizija jaġġorna maż-żminijiet tal-lum u naraw li l-operat tagħna jkun aktar professjonali u effiċjenti. Wara l-introduzzjoni ta' hand-held devices ġewwa t-Taqsimiet tal-RIU u tat-Traffiku, dawn issa bdew jiġu estiżi għall-pulizija tad-distrett u dawk tal-community policing bil-għan li l-pulizija tagħna jkollhom aċċess għal timely information u dan fl-istess waqt li t-tickets bdew jinħarġu b'mod elettroniku. Fl-istess perjodu introduċejna vehicle tracking system li mhux biss tipprovdi l-lokazzjoni tal-vetturi tal-Korp imma tirrapporta dwar collision detection, driver behaviour, blue light alerts u l-konsum tal-fjuwil, fost oħrajn.

Il-wellbeing tal-membri tal-Korp huwa priorità assoluta ta' din l-amministrazzjoni u proprju fl-aħħar xhur introduċejna programmi ta' weight management u physical fitness bi sħubija mad-Direttorat għall-Promozzjoni tas-Saħħa u l-Prevenzjoni tal-Mard bil-għan li ntejbu s-saħħa fiżika tal-membri tagħna. Fl-istess waqt, konxji kemm xogħolna huwa fost l-aktar professjonijiet stressanti, bil-kollaborazzjoni tal-Employee Support Programme, matul din is-sena introduċejna Wellbeing Policy li tipprovdi linji gwida ta' sapport għall-pulizija li

jaffaċjaw sitwazzjonijiet varji u dan filwaqt li nsaħħu l-għarfien sabiex kull wieħed u waħda minna jagħraf jieħu ħsieb aħjar is-saħħa mentali tiegħu. Fl-istess waqt qed naħdmu qatigħ sabiex l-ambjent li noperaw fih jipprovdi l-kumditajiet neċessarji għall-membri tal-Korp filwaqt li jagħmel l-esperjenza tal-klijenti tagħna waħda pożittiva.

Il-Korp tal-Pulizija jrid jevolvi bl-istess mod li tevolvi s-soċjetà li noperaw fiha. Proprju għalhekk matul din is-sena komplejna nirristrutturaw l-organigramma fejn, fost oħrajn komplejna nsaħħu l-operat ta' ċertu dipartimenti, inkluż is-Central Intelligence Analysis Unit, il-Financial Crime & Investigations Department, is-Cyber Crime Unit u l-Gender-Based & Domestic Violence Unit. Dan kollu qed nagħmluh filwaqt li għaddejjin bi proċess sabiex xogħol mhux meqjus bħala core duty jiġi mgħoddi lil entitajiet oħra sabiex b'hekk ir-riżorsi tagħna jkunu aktar iffukati fuq xogħol polizjesk. Parti integrali minn dan it-tiġdid hemm il-konsolidament tas-civilianisation fil-Korp, mhux biss bl-ingaġġ ta' pajżana biex iwettqu xogħol amministrattiv imma wkoll professjonisti sabiex jassistu f'numru ta' rwoli, inkluż crime analysts, forensic experts u financial crime analysts, fost oħrajn.

Kburi ferm li matul din l-aħħar sena ffirmajna żewġ MOUs, wieħed mal-Università ta' Malta u l-ieħor mal-British High Commission, bil-għan li naraw li nistabbilixxu struttura ċara ta' kompetenzi fil-Korp. Dan minnu nnifsu huwa turija tal-fiduċja li l-istakeholders għandhom fina u finalment dan kollu ser iwassal għal Korp aktar professjonali fejn il-membri tiegħu ser ikunu esposti għal taħriġ akkreditat.

Fuq kollox irridu naraw li dan it-tiġdid jiġi sostnut permezz ta' prattiċi li jiġu n-norma fl-operat tal-Korp. Eżempju ta' dan huwa l-mod kif illum isiru trasferimenti interni għal skwadri speċjalizzati. Il-Horizontal-Movement Policy mhux biss ġabet bidla radikali fil-mod kif pulizija jiġu assenjati internament imma fuq kollox saħħet l-elementi ta' meritokrazija u trasparenza. Fl-istess waqt irridu naraw li l-Professional Standards Office ikun aktar proattiv f'ħidmietu sabiex kemm jista' jkun kull membru tal-Korp jopera b'uniformità mal-policies u l-proċeduri tal-Korp sabiex b'hekk is-servizz offrut lill-klijenti tagħna jkun tal-ogħla kwalità.

Meta nħares lura u nara x'irnexxielna niksbu f'din l-ewwel sena ta' implimentazzjoni tal-Istrateġija ta' Trasformazzjoni nimtela b'kuraġġ kbir u b'persważjoni li fix-xhur u s-snin li ġejjin ser inkomplu niġġeddu sabiex ġurnata wara oħra nkunu pass eqreb lejn il-viżjoni tal-Korp, dik li l-komunità tafdana aktar sabiex niżguraw soċjetà sigura għal kulħadd.

Inkun qed nonqos jekk f'dan il-perjodu ma nirringrazzjax lil kull wieħed u waħda minnkom għall-ħidma fejjieda tagħkom. Fl-istess waqt nawgura lilkom u lill-għeżież tagħkom il-Milied u s-sena t-tajba mimlijin b'dak kollu li tixtieq qalbkom, fuq kollox il-paċi.

*DOMINE DIRIGE NOS*





# Dan l-aħħar

minn PC 2025 Charlene Cilia – Uffiċċju tal-Komunikazzjoni

X'ma kellniex tista' tgħid f'dawn ix-xhur li għaddew! Fil-fatt, jekk hemm artiklu li qatt ma kelli problema biex insib kontenut huwa propju Dan l-Aħħar... Minn dawn il-paġni u bi ftit informazzjoni dejjem nipprova nwasslilkom aħbarijiet ta' attivitajiet, ċelebrazzjonijiet u ħafna aktar li l-Korp tal-Pulizija jkun introduċa jew organizza matul ix-xhur. Kien hemm żmien fejn ma konniex naraw daqshekk attività għaddejja, imma dan l-aħħar żgur mhux il-każ.

Jekk inħarsu ftit lura anki lejn is-sena l-oħra, wieħed jista' jaħseb li peress li għaddejna mill-pandemija tal-Covid-19 u tista' tgħid li għalkemm mhux bl-istess forza, xorta għadna ristretti, ħafna attivitaijiet ma stajniex norganizzawhom u l-istess din is-sena. B'mod partikolari ċ-ċelebrazzjonijiet ta' żmien il-Milied. Però dan kollu ma ħalliex affarijiet oħra fuq l-ixkaffa. Ħa nħarsu ftit lura...

Din is-sena fil-fatt rajna sena fejn kellna diversi promozzjonijiet, mill-iżgħar rank sa karigi għolja. Kellna grupp ta' kuntistabblijiet ġodda li f'Marzu ħadu l-ġurament tal-ħatra u saru parti mill-Korp tal-Pulizija. Xahar wara, grupp ta' 29 uffiċjal inħatru surġenti. Segwew dawn iċ-ċerimonji ħatriet f'pożizzjonijiet għoljin fil-Korp, fejn rajna lis-Sinjura Alexandra Mamo flimkien mas-Sur Ramon Mercieca jingħataw il-kariga tad-deputat kummissarju. Importanti nsemmu wkoll kariga li forsi ma tantx konna nisimgħu ta' din ix-xorta, speċjalment dawk li għandhom daqsxejn tas-servizz. Is-Sinjura Stefania Sgandurra, li ilha ftit snin taħdem mal-Korp tal-Pulizija nħatret bħala Direttur Ġenerali u flimkien mad-Deputat Kummissarju Alexandra Mamo u d-Deputat Kummissarju Ramon Mercieca, li flimkien qed jaħdmu id f'id mal-Kummissarju fit-tmexxija tad-Dipartimenti rispettivi tagħhom. Ma waqafniex hawn. Fejn jidħlu promozzjonijiet kellna wkoll tliet spetturi li nħatru supretendenti; is-Sur Melvin Camilleri, is-Sur Malcom Bondin u s-Sinjura Priscilla Caruana Lee. Ħalli żgur ma nħallu l-ebda rank barra, lejn l-aħħar tas-sajf kellna grupp ta' 33 li nħatru bħala spetturi.

Impenjattiva wkoll kienet fejn jidħlu inawgurazzjonijiet. Beda l-operat tat- Taqsima dwar il-Vjolenza Abbażi tal-Ġeneru u l-Vjolenza Domestika, tlestiet l-għassa tal-Pulizija ġewwa l-Ajruport Internazzjonali ta' Malta, tħabbar it-twaqqif tal-Aġenzija għall-Vittmi tal-Kriminalità, ġew introdotti l-bodycams kif ukoll flotta ġdida għar-Rapid Intervention Unit. Dan biex ma nsemmux ukoll id-diversi xogħolijiet li saru u għadhom qed isiru, bħal xogħol infrastrutturali li sar ġewwa Ta' Kandja u anki fl-għassa tal-Pulizija l-ġdida ġewwa Wied il-Għajn.

Il-Pulizija tal-Komunità – rajna żieda ta' operat f'iżjed lokalitajiet madwar il-pajjiż. Sezzjonijiet oħra fi ħdan il-Korp li ngħatalhom taħriġ abbinat max-xogħol tagħhom sabiex

l-operat ikun iktar professjonali u anki l-uffiċjali jkunu preparti aktar għal dak li jintaqgħu miegħu fuq il-post tax-xogħol. Hawnhekk nixtieq insemmi wkoll proġett li sar u li għadu għaddej flimkien mal-ESP. Fil-fatt biex nagħti ftit idea ta' dak li sar, l-ewwel kors bl-isem ta' Mental Health Awareness Senior Management Training kien immirat lejn l-assistenti kummissarji kif ukoll supretendenti. Kors ieħor kien immirat lejn il-Mentors tal-Korp tal-Pulizija bl-isem ta' Peer Support Training for Disciplined Forces u kien imqassam fi tliet seduti.

22 uffiċjal imbagħad attendew għal-kors bl-isem ta' Suicide Prevention, fejn diversi ranks attendew b'mod volontarju u ngħataw taħriġ u tattiċi ta' kif jgħinu nies oħra, li jistgħu jkunu anki kollegi, f'mumenti fejn il-ħsieb tas-suwiċidju jibda jirbombja fil-moħħ tal-individwu. L-aħħar kors, li beda propju fil-ġranet li għaddew u jibqa' għaddej sal-21 ta' Diċembru huwa Mental Health First Aid Course. Dan sar b'nomina fejn sitt uffiċjali mill-Korp tal-Pulizija qed jingħataw taħriġ li ħa jwassalhom li jingħataw liċenzja li hija valida għal tliet snin u fejn ħa jkunu rikonoxxuti bħala Mental Aid First Aiders.

Kif qegħdin fuq it-tema ta' taħriġ, ħafna minnkom żgur li semgħu b'CEPOL. Tajjeb li nwassal messaġġ li s-CEPOL joffri diversi korsijiet bħal webinars, online, residential kif ukoll exchange. Kif nimmaġina, tafu wkoll li għal webinars wieħed jista' japplika minn fuq is-CEPOL LEED platform u li f'każ li wieħed ikollu problemi fuq kif taċċessa għaliha jew mistoqsijiet oħra relatati mas-sistema għandu jkellem lis-surġent Gaynor Gambin mid-Dipartiment tal-IT. Minn banda l-oħra, f'każ li wieħed ikun interessat li japplika għal xi kors u jrid iktar informazzjoni jew inkella jkollu xi mistoqsijiet wara jew qabel xi kors li jkun attenda, ikellem lill-Ispettur Valerie Mifsud li tinsab stazzjonata l-Uffiċċju tar-Riżorsi Umani u li hija l-kuntatt fuq CEPOL għall-Korp tal-Pulizija. Kuntatt jista' jsir ukoll fuq l-email *cepolmalta.police@gov.mt*






## 21 ta’ Ottubru
### Il-famuża medalja

Darba smajt lil xi ħadd jgħid li din ma tatix kasha sakemm tasal biex toħodha. Matul din is-sena kellna żewġ ċelebrazzjonijiet, waħda f’Jannar u waħda għadha kif għaddiet propju issa fil-21 t’Ottubru fejn 71 membru tal-Korp tal-Pulizija ngħataw midalja għal servizz twil u effiċjenti li tingħata mat-18-il sena servizz. 109 membri u eks-membri tal-Korp ingħataw l-ewwel clasp li tingħata mal-25 sena ta’ servizz, filwaqt li 10 membri u eks-membri tal-Korp ingħataw it-tieni clasp, li tingħata mat-30 sena servizz.



## 01 ta’ Novembru
### Memorja lill-Pulizija

Nagħlaq billi nsemmi attivitajiet marbuta mal-Milied, Jum il-Pulizija u avvenimenti oħra li jsiru fil-pajjiż imma li jolqtu lilna l-Pulizija. Bħas-sena l-oħra erġajna ma nistgħux ningħaqdu flimkien bħala Korp għaċ-ċelebrazzjonijiet, qed nirreferi b’mod partikolari għar-riċevimenti li jsiru kemm fil-Milied u kemm f’Jum il-Pulizija. B’restrizzjonijiet xorta li stajna għamilna għamilnieh. Jekk hu quddies biex infakkru l-Jum iddedikat lill-Pulizija kif ukoll ħsieb u tifkira lejn il-kollegi tagħna li ħallewna, xorta sibna ħin. Fil-fatt kemm f’Lulju kif ukoll riċentement fl-1 ta’ Novembru ngħaqdu mal-Kummissarju tal-Pulizija kif ukoll mal-Ministru Byron Camilleri diversi uffiċjali għoljin, fejn ġewwa l-Kappella taċ-Ċimiterju tal-Addolorata u wara fuq il-qabar iddedikat lill-Pulizija talbu u fakkru l-memorja ta’ dawk il-Pulizija li servew il-pajjiz fil-Korp tal-Pulizija u llum ma għadhomx magħna. Sintendi tifkira simili saret ukoll ġewwa Għawdex fid-19 ta’ Novembru.


DISTINCTIVE
NEW
LOOK,
Same
Balanced
Taste
SINGLE MALT
SCOTCH WHISKY
THE SINGLETON
PERFECTLY BALANCED
THE
SINGLETON
Single Malt Scotch Whisky
LUSCIOUS NECTAR
12 YEARS OLD
NOTES OF HONEY AND NUTS WITH HINTS OF COFFEE.
DISTILLED, MATURED & BOTTLED IN SCOTLAND.
DUFFTOWN DISTILLERY
TASTEFULLY ENJOYED
THE
SINGLETON
THE SINGLETON
PERFECTLY BALANCED
M.DEMAJO
(Wines & Spirits) Ltd.

*Surfacing the most beautiful spaces*

Halmann VELLA



BIANCO CARRARA KITCHEN TOP AND TRAVERTINE FLOORING

HALMANN VELLA LTD, The Factory, Mosta Road, Lija. LJA 9016. Malta **T:** (+356) 21 433 636 **E**: info@halmannvella.com

**www.halmannvella.com**

# Id-difiża tal-Entrapment: meta tirnexxi u meta tfalli?

Minn Dr. Mark Said

Entrapment hija difiża legali għal kwalunkwe akkuża kriminali. Minkejja li ħafna jqisu l-operazzjonijiet fittizji u qarrieqi tal-pulizija bħala 'entrapment' (forma ta' lixka jew ingann), fil-fatt il-pulizija u l-informaturi tagħha jistgħu jagħmlu użu minn identitajiet foloz u jqarrqu fl-istħarriġ mgħotti tagħhom. Biss, hemm limitu: id-difiża tal-entrapment hija kontroll importanti fuq x'tista' tagħmel il-pulizija sabiex twettaq arrest wara li tkun ħajret u ingannat lil xi ħadd biex jikkommetti reat.

Normalment, akkużat jistrieħ fuq id-difiża tal-entrapment meta jallega li xi ħadd miftiehem mal-pulizija ikun ikkonvinċih u ingannah sabiex iwettaq reat li kieku ma kienx jikkommetti. Jekk imħallef jew ġurija jaċċettaw din id-difiża, l-akkużat ma jistax jinsab ħati.

**Ir-rekwiżiti li titlob il-liġi biex tirnexxi d-difiża tal-entrapment**
Il-qrati jużaw wieħed minn żewġ testijiet fir-rigward ta' din id-difiża:

**It-test oġġettiv**
Hawnhekk, il-mistoqsija li wieħed irid iwieġeb hija jekk l-aġir tal-pulizija kienx iwassal kwalunkwe persuna oħra biex twettaq ir-reat. Fi kliem ieħor, persuna raġonevoli, fl-istess ċirkostanzi, kienet tikkommetti dak ir-reat irrispettivament mill-istat mentali partikolari tal-akkużat? Pereżempju, jekk pulizija liebes pajżan iħajjar lil ħaddieħor sabiex jiksiblu d-droga għax għandu bżonnha biex itaffi l-uġigħ kawża tal-kimoterapija, u dak il-ħaddieħor jgħaddilu d-droga, l-applikazzjoni tat-test oġġettiv x'aktarx twassal biex tintlaqa' d-difiża tal-entrapment anke jekk l-akkużat ikollu storja twila ta' reati marbuta mad-droga. Ir-raġuni tar-reat tkun waħda ta' ħniena u kompassjoni li jaffettaw kull bniedem raġonevoli.

**It-test soġġettiv**
Il-qrati tagħna japplikaw test li jeżamina kemm ix-xorta tat-tħajjir u ingann kif ukoll l-istat mentali tal-akkużat. It-test soġġettiv l-ewwel jeżamina l-aġir tal-pulizija, imbagħad jikkonċentra fuq il-predispożizzjoni, jew le, tal-akkużat biex jikkommetti r-reat li bih huwa akkużat.

**Tħajjir u ingann**
Li tħajjar lil xi ħadd biex jikkommetti reat imur lil hinn mis-sempliċi fatt li wieħed jistaqsi lil dak li jkun biex jikkommetti dak ir-reat. F'ħafna ġurisdizzjonijiet sabiex tirnexxi d-difiża li wieħed ġie mġiegħel jikkommetti reat, akkużat irid jipprova li x'aktarx iktar iva milli le li hu ġie mġiegħel mill-pulizija biex jikkommettih. Ġaladarba d-difiża tallega li l-akkużat ġie mġiegħel jikkommetti r-reat, il-prosekuzzjoni tkun trid tipprova lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni li l-akkużat xorta waħda kien predispost li jikkommetti r-reat.

**Il-periklu li wieħed jistrieħ fuq id-difiża tal-entrapment**

Li wieħed jistrieħ fuq id-difiża tal-entrapment għandha r-riskji u l-perikli tagħha. Jekk jinvoka l-entrapment, l-akkużat sostanzjalment ikun qed jgħid "Ma kontx nikkommetti dan ir-reat li kieku l-pulizija ma ġiegħelitnix." Meta l-akkużat jieħu dik il-linja, ikun qed jistieden lill-prosekutur sabiex jirribatti bi provi dwar il-fedina penali tal-akkużat. Jekk il-qorti tħoss li provi bħal dawk ikunu tweġiba xierqa u relevanti, il-ġuri jkun jista' jikkunsidrahom. F'ċirkostanzi oħra, provi ammissibbli u danneġġanti bħal dawk ma kinux ikunu legalment ammissibbli.

Pereżempju, il-prosekuzzjoni taf titħalla ssejjaħ biex jixhdu persuni li direttament jafu li akkużat ħa sehem fil-kommissjoni ta' reat identiku jew simili. Anke xhieda ta' diskussjonijiet preliminari li għandhom x'jaqsmu m'attività kriminali miftiehema ma' ħaddieħor fi żmienijiet differenti taf tinġieb mill-prosekuzzjoni biex turi u tipprova l-predisposizzjoni għat-twettiq tar-reat. Xhieda bħal dik jista' ikollha impatt qawwi fuq il-verdett tal-ġuri.

B'danakollu, importanti wieħed jinnota li l-fedina penali tal-akkużat mhux dejjem tista' titħalla ssir referenza għaliha meta titqajjem id-difiża tal-entrapment. Jekk l-aħħar reat ikun ilu li ġie kommess, inkella jkun totalment differenti mir-reat miġjub fl-akkuża, provi dwar l-aġir kriminali fl-imgħoddi ma jitħallewx jinġiebu. Ngħidu aħna, jekk akkużat għandu storja twila t'abbuż ta' droga, dan ikun irrelevanti f'każ li għandu x'jaqsam mal-prostituzzjoni, u allura l-prosekuzzjoni trid tistrieħ fuq provi oħra.

Tindunaw mela, li dan il-kunċett tal-entrapment jaqta' minn żewġ naħat: difiża li taf taġevola lill-akkużat daqs kemm tista' tonsbu u strateġija għall-pulizija li taf issaħħilha l-każ daqs kemm tista' ġġibulha fix-xejn!



PEUGEOT

# NEW 3008 HYBRID4

New i-Cockpit® - Awd Mode - Up to 300HP - 29g $CO_2$/km

Michael Attard Ltd, National Road, Blata l-Bajda
E. sales@michaelattard.com T. 21238854 M. 79406607
www.peugeot.com.mt







- Loan protection
- Life protection

**www.citadelplc.com**

8007 2322 ci-serviceme@citadelplc.com

Download on the App Store | GET IT ON Google Play | LIVE WEB CHAT

Citadel Insurance p.l.c., Casa Borgo, 26 Market Street, Floriana FRN 1082, Malta

Branches: Ħaż-Żebbuġ 21464873 • Il-Mosta 21438880 • In-Naxxar 21419198 • Iż-Żejtun 21807779
Paola 21806247 • San Ġwann 27330044 • Mellieħa 21525232 • Ta' Xbiex 25579443
Victoria, Gozo 21566660 – Tied Insurance Intermediaries: Malta • Gozo

Citadel Insurance p.l.c. is a company authorised under the Insurance Business Act, Cap 403, to carry on general and long term business of insurance and is regulated by the Malta Financial Services Authority.

Citadel insurance


EASY PAYMENTS
TREASURED MEMORIES
Talk to us | 2131 2020 | bov.com
Issued by Bank of Valletta p.l.c., 58, Triq San Żakkarija, Il-Belt Valletta VLT 1130. Bank of Valletta p.l.c. is a public limited company regulated by the MFSA and is licensed to carry out the business of banking in terms of the Banking Act (Cap. 371 of the Laws of Malta). | COM 2598
BOV
Bank of Valletta



# Q & A

Minn Dr Mary Muscat

Din ir-rubrika hi ntiża sabiex twieġeb domandi tal-qarrejja dwar il-liġi kriminali jew xi prattika marbuta mal-ġustizzja kriminali.

Il-korrispondenza tista' tintbagħat lili direttament fuq ***mary.muscat@um.edu.mt*** jew inkella ***muscatdrmary@gmail.com***



**Id-domanda hi din:**
**Fiex tikkonsisti Care Order li tinħareġ f'każ ta' minorenni?**

Il-Care Order tagħmel parti minn dawk li jissejħu Ordni ta' Protezzjoni u kien hemm ħames Ordnijiet differenti sa Mejju ta' din is-sena, imma l-Ordni ta' Ħarsien issa nqasmet fi tnejn oħra bl-emendi ta' Att XXIII tal-2021 li jemenda l-Att dwar il-Protezzjoni tal-Minuri (Ħarsien Alternattiv).

L-ewwel 5 Ordnijiet kienu dawn: ta' Emerġenza, ta' Ħarsien, ta' Superviżjoni, ta' Tneħħija u ta' Trattament. L-Ordni ta' Ħarsien issa nbidlet fl-Ordni għall-Ħarsien tal-Benesseri (Welfare Care Order) u fl-Ordni ta' Ħarsien Korrettiva (Correctional Care Order). Huma elenkati f'artiklu 19(1)(a) u (b) ta' Kap 602 u jintalbu mid-Direttorat tal-Ħarsien tat-Tfal. Jinstemgħu quddiem il-Qorti tal-Minorenni, fil-kompetenza ċivili.

L-Ordni ta' Ħarsien (Care Order) kienet tordna t-tneħħija tal-kura u l-kustodja tal-minuri mingħand il-ġenituri tiegħu, għal dik l-entità li l-Qorti jidrilha xieraq li tassenja. Issa din l-ordni bdiet tissejjaħ Ordni għall-Ħarsien tal-Benesseri (Welfare Care Order). Inżammu l-istess parametri u magħhom żdiedet ukoll il-ħsara sinifikanti li jkun jinsab fiha l-minuri bħala element għaliex tintalab l-ordni.

It-tieni forma ta' ħarsien hi l-Ordni ta' Ħarsien Korrettiva (Correctional Care Order) li tinħareġ meta l-minuri ma jkunx jista' jinżamm aktar f'residenza alternattiva minħabba fl-imġiba diffiċli tiegħu, tant li jkun fl-aħjar interess tiegħu li titneħħa l-libertà tal-moviment. Però l-qorti tordna li jkun hemm aġġornament tal-progress li qed isir mill-minuri quddiemha darba kull xahar minn wara li toħroġ l-ordni, sakemm tibqa' fis-seħħ.

Ta' min jgħid li l-faċilità li kienet tissejjaħ YOURS (Young Offenders Unit Rehabilitation Services) fl-2014 imxiet għall-Imtaħleb, fejn qabel kien hemm is-SATU (Substance Abuse Treatment Unit). Minn April tal-2017 il-binja saret tissejjaħ CoRRS (Centre for Residential Rehabilitative Services) u bdiet tilqa' fiha anki tfajliet minuri.

Nota: Kapitlu 602 tal-Liġijiet ta' Malta, li hemm ippubblikat onlajn fil-websajt legislation.mt, għadu mhux aġġornat fil-verżjoni Maltija (sad-data tal-pubblikazzjoni ta' dan l-artiklu), għaldaqstant wieħed għandu jara l-verżoni Ingliża li tinkludi dawn l-emendi jew inkella jsegwi Att XXIII tal-2021.



HOLLAND SINCE 1719

# Bavaria

BRUSSELS BEER CHALLENGE 2021 Silver Medal

# Bavaria Pilsner is selected as the best Pilsner of Europe

Bavaria Pilsner was awarded the silver medal in the Lager – International Style Pilsner category during the Brussels Beer Challenge. This challenge is an annual international beer competition and is a professional competition among brewers. The Brussels Beer Challenge is a platform for international brewers to network and actively promote their product. In addition, the competition aims to support the culture of beer.
The international panel of 75 independent experts and beer critics tasted more than 1,800 beers from all over the world. They awarded Bavaria a silver medal in the category Lager – International Style Pilsner. The gold medalist is a non-European beer therefore making Bavaria the Best Pilsner in Europe.

"We are proud to be the local representatives of Bavaria, a beer with over 300 years of tradition brewed in Holland by the Royal Swinkels Family Brewers. This award gives the recognition that Bavaria deserves as we continue to elevate this Brand in our local market" said Milena Livada, Head of Sales & Marketing at GSD Marketing Ltd. Bavaria Premium is a clear light-coloured pilsner, brewed with barley malt, natural mineral water, and hop. Refreshing, fruity and slightly hop-like, with a full flavour and beautifully balanced. An accessible pure pilsner, brewed with the best ingredients and natural mineral water from Bavaria s own spring.




drinkawaremalta.com
for the facts



# Il-Kura Fiżika

Employee Support Programme Unit

L-irwol ta' Pulizija fi ħdan il-Korp jirrikjedi impenn u diversi ħiliet u kwalitajiet, fosthom li tkun persuna t'integrità, professjonali, empatika, kapaċi tikkomunika effettivament, u taħseb b'mod kritiku fost oħrajn. Dan l-irwol, indubbjament, iġib miegħu diversi sfidi u riskji fiżiċi u għaldaqstant, huwa essenzjali li l-uffiċjal ikun fiżikament b'saħħtu u preparat. L-uffiċjal irid ikun kapaċi jaffaċċja sitwazzjonijiet mgħaġġla li jirrikjedu stamina u saħħa fiżika sabiex ikun ta' protezzjoni għall-pubbliku kif ukoll għall-kollegi fil-Korp u għalih innifsu.

Is-saħħa fiżika ma tirreferix biss għal ġisem b'saħħtu iżda wkoll għal ġisem li jkun jiflaħ għal sitwazzjonijiet u kundizzjonijiet differenti li jiġi affaċjat bihom fosthom, il-kapaċità li tirkupra iżjed malajr mill-mard jew korriment, u li tgħajja inqas malajr waqt attività fiżika. Dan kollu huwa importanti kemm għall-pulizija nnifsu, kif ukoll għall-Korp u s-servizz tiegħu għax iwassal għal inqas korrimenti u assenza mix-xogħol.

Is-saħħa fiżika taffettwa kemm il-prestazzjoni fix-xogħol kif ukoll is-sigurtà tal-pulizija f'ħidmietu. Il-kundizzjonijiet tax-xogħol t'uffiċjal tal-Pulizija jistgħu jġibu magħhom drawwiet foqra relatati mal-istil ta' ħajja li jgħixu, fosthom: ħinijiet twal u irregolari ta' xogħol, ħinijiet qosra fejn wieħed jista' jieqaf biex jistrieħ u jiekol, u livell għoli ta' stress kemm fiżiku kif ukoll mentali fost oħrajn. Filwaqt li nirrikonoxxu dawn ir-realtajiet, huwa essenzjali li wieħed ikun mgħarraf li s-saħħa fiżika għandha tingħata l-priorità li jixirqilha, kemm mil-lat ta' prevenzjoni kif ukoll ta' manutenzjoni fil-ġisem.

Fi studju li sar f'Malta fl-2017, irriżulta li 80,788 adult Malti jsofri mill-'Metabolic Syndrome' li tirreferi għal grupp ta' fatturi riskjużi li jżidu l-possibiltà ta' mard tal-qalb, puplesiji u dijabete tat-tip II. Dawn il-fatturi huma:

- Obeżità kkonċentrata madwar il-qadd
- Livell ta' kolesterol għoli fid-demm
- Pressjoni għolja u
- Livell għoli ta' zokkor fid-demm

Għaldaqstant, sabiex wieħed inaqqas ir-riskju għal dawn il-fatturi, il-kura fiżika hija essenzjali biex tnaqqas ir-riskju għall-mard imsemmi. Li tieħu ħsieb tiegħek innifsek tinvolvi li:

- Tagħraf u tiskopri x'inhuma r-riskji li tinsab fihom billi tagħmel testijiet tad-demm u tiċċekja l-pressjoni u l-livell taz-zokkor fid-demm
- Tagħżel ikel nutrittiv li jinvolvi: frott u ħaxix; proteini bħal ħut, laħam dgħif, bajd u legumi; whole grains bħal ross ismar u ħafur, filwaqt li tnaqqas l-ikel xaħmi u b'ammont kbir ta' zokkor, ikel b'ħafna sodju, u l-alkoħol
- Tqattà ħin ta' eżerċizzju fiżiku li mhux biss inaqqas il-piż iżda wkoll il-livell ta' stress li jistà wkoll iġib miegħu x-xogħol ta' pulizija
- Tieqaf tpejjep
- Meta tista' torqod għal ammont tajjeb ta' ħin u l-irqad ikun ta' kwalità.

Permezz ta' dawn il-miżuri, l-uffiċjal tal-pulizija jnaqqas ir-riskju għall-mard fiżiku u jkun iżjed preparat fiżikament għal dak li joffri xogħolu fuq bażi regolari.




# Ambizzjoni, Determinazzjoni u Suċċess

Intervista ma' PC 2444 Jesred Piscopo

Titlu Dinji u ieħor Ewropew, magħhom iżżid 25 ġlieda fl-isport tal-Kick boxing. Tibda taħseb li ħa nsemmu xi sportiv barrani, iżda le, dan huwa Malti u huwa wkoll kollega tagħna fil-Korp tal-Pulizija.

Jesred Piscopo ngħaqad mal-Korp tal-Pulizija f'Marzu ta' din is-sena. Fil-verità Jesred m'ilux fis-servizz xhur biss, u dan għaliex qabel ma ssieħeb fil-Korp għamel tliet snin mal-Forzi Armati ta' Malta. Għandu 24 sena u huwa missier ta' tifla li għandha sentejn u jgħix mal-partner tiegħu. Jesred jirrakkonta kif meta kellu 9 snin jiftakar li persuna li kellu klabb tal-isport tat-Taekwondo kien mar iżur l-iskola fejn kien imur Jesred sabiex jirriklama dan l-isport. Jesred dakinhar stess kif mar id-dar ikkonvinċha lil ommu sabiex tħallih imur jipprattika din id-dixxiplina. Is-suċċessi fix-xena sportiva mill-bidu bdew għal Jesred għax propju ta' 10 snin intgħażel mat-tim nazzjonali Malti sabiex jipparteċipa f'tournament ġewwa l-Ingilterra. Fl-eta ta' 12-il sena għażel li jieqaf u dam madwar 4 snin sakemm ma nduna li l-interess tiegħu kien qed imur fuq il-kick boxing. Fittex minn hemm u fittex minn hawn sab club viċin ta' fejn kien joqgħod u mar ħa ċ-ċans tiegħu. Ċans li ilu għaddej aktar minn 8 snin u llum wasslu għas-suċċess.

Fi kliem Jesred stess l-isport tal-kick boxing jikkonsisti f'ħafna fatturi fosthom edukazzjoni, rispett u importanti wkoll li tkun fiżikament fit. Huwa sport li jinvolvi grading fejn inti tieħu ċintorin grad grad, u kull ċintorin ifisser il-livell li tkun fih. Jesred huwa BlackBelt second Dan.

Imrobbi dejjem f'ambjent sportiv Jesred jgħidilna li missieru kien jieħdu miegħu l-gym sa minn età żgħira u dan wasslu biex iħares lejn l-isport bħala bżonn fil-ħajja tiegħu…"Trabbejt sportiv, bqajt sportiv u mingħajr l-isports ma noqgħodx". Fil-fatt tinduna wkoll kemm hu sportiv Jesred, meta tistaqsih jekk għandux xi passatempi u mill-ewwel jgħidlek, sports! Fit-tliet snin li għamel fl-armata kien ukoll jgħallem fi klassijiet il-Kickboxing lis-Suldati u dan kien jgħin lill-kollegi tiegħu sabiex apparti li jżommu ruħhom fit kienu wkoll jitgħallmu jiddefendu ruħhom.

Biex tqassam xogħol u sport diġà mhux faċli u iżjed u iżjed meta l-isport ikun ta' livell professjonali. Jesred ma jipprattikax kickboxing biss għall-gost iżda jieħdu b'serjetà u l-ħolma tiegħu hija dik li jkun world champion. Dan jirrikjedi sagrifiċċji kbar. Il-fatt li anki tkun taħdem shift ukoll trid tara kif ħa tqassam. Forsi veru li jgħinek għax tista' tqassam ħinijiet differenti, iżda wieħed irid ikollu

pattern ukoll ta' kif ħa jqassam anki l-ikel. In-nutrizzjoni hija importanti ħafna għal Jesred, fil-fatt hu jqis ruħu li dejjem bid-dieta. "Meta jkolli kompetizzjoni dejjem irrid ninżel 15-il kilo, dik hija l-iktar parti li nsib diffiċli imma dejjem għamiltha u dejjem tajt prestazzjoni tajba għal pajjiżi".
Jesred iqis ruħu bħala persuna li meta jidħol għal xi ħaġa jidħol għaliha b'ruħu u ġismu u jkun irid jirnexxi u jekk idaħħal xi ħaġa f'rasu jrid jasal. Din l-atitudni tgħin lil Jesred mhux biss fl-isport imma anki fix-xogħol tiegħu bħala pulizija. "Nipprova naħdem kemm nista' għall-familja, kif ukoll insib ħin għalihom u anki għat-training, meta jkolli kompetizzjoni riesqa jkolli bla ma rrid innaqqas ftit minn kollox u niddedika ftit aktar ħin għat-training".

Il-Kick Boxing iqisu bħala sport li bidillu ħajtu kemm mentalment u anki fiżikament. Jesred jemmen li parti sostanzjali mis-saħħa mentali u fiżika ġejja anki mill-prattika tal-isports u meta l-isports tieħdu b'serjetà u tiżviluppah iwasslek għas-suċċessi bħal fil-każ tiegħu... suċċessi personali u anki mondjali.

Dan urih ankè fl-aħħar kompetizjoni li għadu kif ħa sehem fiha. Kompetizjoni fejn il-ġlieda kienet għat-titlu ta' World Champion. Dan seħħ nhar l-20 ta' Novembru fejn Jesred kien wieħed mill-kompetituri f'isem Malta li kien qed jiġġieled għal dan it-titlu. Ma hemmx xi ngħidu... Jesred rebaħ din il-kompetizjoni u issa jġorr dan it-titlu prestiġjuż ta' World Champion.

Sabiex wieħed jirnexxi, apparti l-ambizzjoni personali huwa importanti wkoll is-sapport. "Il-familja sibtha dejjem warajja" b'mod partikolari t-tfajla tiegħu. Il-paċenzja tagħha hija kbira speċjalment fiż-żmien tad-dieta kif ukoll meta minħabba xi kompetizzjoni jiżdied il-ħin tat-taħriġ u jnaqqas xi ftit il-ħin magħha u mat-tifla tagħhom. Minkejja dan, Jesred iħeġġeġ ħafna lil sħabu kollegi sabiex ma jaqtgħux qalbhom u jekk kienu xi darba jipprattikaw xi sports u issa waqfu minħabba xogħol iħeġġiġhom jaħsbu daqsxejn għax żgur jafu jsibu bilanċ. Ħeġġeġ ukoll lil dawk li għadhom żgħar bħalu u jixtiequ jibdew xi ħaġa... għala le? jaf li minn passatemp sal-gym tiftaħ bibien għal kompetizzjonijiet li qatt ma ħsibt ħa jwassluk għas-suċċess.



WALTHER



PDP

PERFORMANCE. DUTY. PISTOL.

DEFINED BY OVER A CENTURY OF ENGINEERING PASSION,
PRECISION WORKMANSHIP AND INNOVATION

With the PDP pistol, Walther's timeless innovation has once more achieved a breakthrough never seen before in firearms. With revolutionary ergonomics, SuperTerrain Slide Serrations, and a brand-new Performance Duty Trigger, this is the next evolution in world-class ingenuity for pistols.

All versions Optics Ready with Co-witness sights
Short reset 25N Performance Duty Trigger
Optimum Performance Duty Texture Grip

Reliable and Safe Performance
Rugged SuperTerrain Serrations
Ergonomics and Intuitive Pointability

Available in three barrel lengths, 4", 4.5" and 5", each selling at €798!

Lock, Stock & Barrel

**LOCK, STOCK & BARREL Gunshop**
**Phoenix Business Centre, 23, Triq il-Blata l-Kahla, Sta. Venera SVR 9022, Malta**
**Tel: 2148 0118 • Mob: 9947 1091**
**e-mail: info@lsb-malta.com • web: www.lsb-malta.com**



enemed
powering your drive
CLEANER, SAFER & SUPERIOR QUALITY FUELS
e POWER e DIESEL e POWER e UNLEADED
enemed.com.mt




RENAULT CAPTUR
your choice, your Capture
starting from
€ 17,400*
5 year warranty
RENAULT CLIO
Starting from € 13,990*
RENAULT ARKANA
Starting from € 27,750
RENAULT ZOE
Starting from € 20,800**
*Price inclusive of scrappage scheme and** EV Grant. T&C Apply. 5year service plan available on all models. Models shown for demonstration purposes only.
KIND'S AUTO SALES LTD
Mosta Road, Lija LJA 9011, Malta. Tel: 21433601
Mgarr Road, Xewkija XWK 9012, Gozo. Tel: 21550962
Email: sales@autosales.com.mt
Kind's | www.autosales.com.mt
acim
Here Today. Here Tomorrow
ASSOCIATION OF CAR IMPORTERS MALTA

# NAGĦMLUHA IKTAR FAĊLI GĦALIK

## MAKING IT EASIER

### INŻURU KULL LOKALITA
ISSA ANKE WARA NOFSINHAR

### VISITING EVERY LOCALITY
NOW ALSO IN THE AFTERNOON

Ara liema huma dawk l-oġġetti li tista' ġġib fir-Roadshow Trucks

Items that can be dropped off at our Roadshow Trucks

**Ħwejjeġ**
Clothes

**Plastik**
Plastic

**Metall**
Metal

**Żejt tat-Tisjir**
Cooking Oil

**Bozoz tad-Dawl u Tubi tad-Dawl**
Light Bulbs & Neon Tubes

**Każetti u Fliexken tal-Ħġieġ**
Glass Bottles & Jars

**Karta u Kartun**
Paper & Cardboard

**Batteriji Żgħar**
Household Batteries

**Basktijiet**
Bags

**Polystyrene**
Polystyrene

**Borom u Taġnijiet**
Pots & Pans

**Apparat Eletroniku Żgħir**
Small Electronics

**Żebgħa u Solventi**
Paints & Solvents

**Bottijiet tal-Isprej**
Aerosol Sprays

8007 2200

WasteServ

wsm.com.mt/roadshow



# Smart Policing
## Insaħħu l-operat tas-Cyber Crime Unit

Mill-Uffiċċju tal-Proġetti

Il-proġett kofinanzjat minn fondi Ewropej taħt il-programm ISF (Fondi għas-Sigurtà Interna) 2014 – 2020 bl-isem ta' 'Smart Policing – Enhancing the Capabilities of the Cyber Crime Unit' wasal fi tmiemu, b'nefqa totali ta' 'l fuq minn €525,000. Wara l-investiment minn fondi nazzjonali ta' €700,000 għal xogħlijiet ta' kostruzzjoni biex jakkomodaw il-laboratorju u l-uffiċini l-ġodda tas-Cyber Crime Unit magħruf aħjar bħala H.I.V.E. (Hub for Internet Investigations, Victim Identification and Electronic Evidence Examination), kien imiss li nimlew din l-istruttura l-ġdida b'apparat u tagħmir modern li jkun jista' jiffaċilita u jtejjeb il-mod li bih isiru l-investigazzjonijiet fejn il-krimini jsir fid-dinja diġitali.

Parti mill-proġett kienet tinkludi x-xiri ta' żewġ Multi-Purpose Vehicles (MPVs), liema vetturi jippermettu




l-ġbir, ħażna u trasport ta’ evidenza diġitali minn fuq ix-xena tar-reat. B’hekk inkunu qed nassiguraw l-integrità tal-informazzjoni miġbura bl-iskop aħħari li din tiġi użata bħala evidenza fi proċeduri quddiem il-qorti. Flimkien mal-MPV’s inxtraw search kits, external hard disks, kameras, faraday bags u apparat ieħor li jinġarr minn membri tas-Cyber Crime Unit matul tfittxijiet u prelevar ta’ evidenza diġitali minn fuq ix-xena tar-reat. L-ikbar investiment sar fil-qasam tat-tagħmir elettroniku li ssostitwixxa dak preċedenti sabiex b’hekk is-Cyber Crime Unit ikollu r-riżorsi meħtieġa biex tilqa’ l-isfidi l-ġodda li qegħda tħabbat wiċċha magħhom ta’ kuljum fil-qasam tal-kriminalità diġitali. Waħda mill-isfidi ta’ din l-unità hija l-ħażna ta’ data diġitali li trid issir bl-iktar mod intatt u sigur biex tagħti l-aħjar riżultati waqt l-investigazzjoni u l-prosekuzzjoni.

B’hekk sar investiment sostanzjali f’dan il-qasam u ġiet implimentata soluzzjoni speċifikament għas-Cyber Crime Unit sabiex din tiġi użata għall- ħażna ta’ evidenza diġitali li tkun miġbura, preservata u analizzata mis-Cyber Crime Unit. Din is-soluzzjoni, li l-kapaċità tal-ħażna tlaħħaq il-Petabyta hija soluzzjoni innovattiva għall-Korp tal-Pulizija li ġiet iddisinjata u mfassla speċifikament għall-ħtiġijiet tas-Cyber Crime Unit bl-għajnuna tat-Taqsima tal-Informatika tal-Korp. Jikkumplimenta dan l-investiment, sar fibre optic cabling ġdid kif ukoll inxtraw kompjuters ġodda, photocopiers u tagħmir ieħor biex isaħħaħ il-kapaċità ta’ din is-sezzjoni fi ħdan il-Korp.

Inxtara wkoll ammont ta’ apparat forensiku biex b’hekk is-Cyber Crime Unit jimxi maż-żminijiet u jimmodernizza t-tagħmir tiegħu biex jilqa’ għall-bżonnijiet kurrenti. Dan inkluda fost l-oħrajn ix-xiri ta’ digital forensic workstations ġodda, faraday cages, forensic imaging and duplicator kits u write blockers ġodda fost oħrajn. Dan l-apparat huwa mistenni li jkompli jżid il-kapaċità u l-effiċjenza tal-Korp fl-estrazzjoni ta’ data minn apparat bħal mobile devices li jiġu miġbura mill-Pulizija waqt li jkunu għaddejjin investigazzjonijiet.

Parti minn dan il-proġett kien jinkludi wkoll li nżidu l-isforz kontra materjal li juri abbuż tat-tfal. Permezz ta’ apparat li nxtara minn dan il-proġett, is-Cyber Crime Unit implimenta konnessjoni mal-INTERPOL Child Sexual Exploitation Database, pjattaforma użata fuq livell internazzjonali mill-Pulizija ta’ madwar id-dinja sabiex jiġi analizzat materjal ta’ dan it-tip u jiġu identifikati t-tfal involuti.

# TĦALLIX JUM JGĦADDI MIMLI DMUGĦ.




## JEKK SE TIXROB

## ISSUQX!

tm
Transport Malta

GVERN TA' MALTA
MINISTERU GĦAT-TRASPORT,
L-INFRASTRUTTURA U
L-PROĠETTI KAPITALI

MALTA ROAD SAFETY COUNCIL


TRAMUN TAGHNA
You're in for a treat
3 hours
Free Parking
on a first come first served basis &
Kids Menu
available!
Seabank
RESORT + SPA
Reservations - +356 2289 1774

Għaldaqstant, il-kapaċità li jiġi investigat materjal ta' esplojtazzjoni fuq minuri mistenni jiżdied. Membri tal-Korp tal-Pulizija diġà attendew kors ta' taħriġ fuq medda ta' ġimgħa li ngħata lilhom minn membri tal-INTERPOL propju fuq dan is-suġġett. Malta hija s-sitta u sittin pajjiż minn madwar id-dinja li issa għandha konnessjoni ma' din id-database tant importanti.

Hemm diversi vantaġġi li ser joħorġu minn dan il-proġett iżda l-qofol tiegħu huwa t-tkabbir u t-tisħiħ tas-Cyber Crime Unit fi ħdan il-Korp biex b'hekk ikun jista' jilqa' għal isfidi ġodda f'soċjetà li kulma jmur qegħda xxaqleb għal waħda diġitali. Flimkien mal-membri l-oħra tal-Unjoni Ewropea, il-Korp se jkun f'pożizzjoni aħjar li jipprevjeni u jikkumbatti l-kriminalità organizzata transkonfinali, kif ukoll f'pajjiżna.

**Internal Security Fund (Crime Exchange of Information)**
**Preventing & Combating Crime**
Co-financing rate: 75% EU Funds: 25% Beneficiary Funds
**Sustainable Management of Internal Security**




WHILST REFINING
OUR CLASSICS
We innovate through experience,
understanding current trends & seasons.
Osborne
EST.1978
TAILORED CATERING
info@osbornecaterers.com | 2142 3214


Il nostro
amaro
italiano.
ENJOY IT
-20°
FROM THE
FREEZER
Vecchio Amaro
del Capo™
LIQUORE D'ERBE
DI CALABRIA
CAFFO
amarodelcapo.com

# Il-Kultura u l-Folklor Malti fil-Ħxejjex Mediċinali u Prattiċi Oħra

*Mis-Surġent Maġġur Joe Borg – Kwartieri Ġenerali tal-Pulizija*



Sakemm wieħed ikun iħossu tajjeb u b'saħħtu, ngħidu aħna ma jkun jonqsok xejn! Minkejja li dejjem jista' jinqala' xi saram, xorta waħda ser tisma' min jgħidlek "u l-aqwa li tkun b'saħħtek!". Aħna Maltin ħafna minnha nsellmu lil xulxin bil-kelma Saħħa jew Saħħiet. Kif wieħed iħoss mqar xi ftit tal-uġiegħ ta' ras, fl-istonku, fid-dras eċċ, id-dinja għal dak il-ħin bħal tieqaf u s-sabiħ jitlef is-seher tiegħu. Il-bniedem jibda jissielet b'kull ħaġa li tiġih f'moħħu sabiex itaffi l-uġiegħ u l-mard. Nafu wkoll li l-uġiegħ u l-mard tal-ġisem ma jistgħux jittaffew jew jitħallew, jekk wieħed ma jkunx jifhem kif inhu magħmul u kif jaħdem il-ġisem tagħna. Il-mediċina moderna skopriet ħafna affarijiet, iżda aktar ma jsibu dwaru, aktar jindunaw kemm għad baqa' x'wieħed jiskopri.

Minn ewlu l-bniedem dejjem kien jara x'jista' jagħmel, minkejja wkoll li ma kien jifhem xejn jew il-ftit wisq. It-trattamenti u r-rimedji li kien juża sabiex jiprova jfiq kienu jkunu bbażati biss fuq dawk li kien jaħseb u jissoponi li huwa tajjeb u li ser jaħdem. Fil-verità fil-biċċa l-kbira tagħhom, jippruvaw kienu jkunu qegħdin, imbagħad wieħed jagħmel bħal ieħor. Ħafna drabi dawn l-użanzi kienu jispiċċaw jintirtu u jsiru tradizzjoni. F'ċertu każijiet mingħajr ma dejjem kienu konxji, dak li jkun spiċċa jew agħar milli kien, jew jekk ma spiċċax ukoll id-dinja l-oħra bla ħsieb. Kien hemm min ukoll, bla ħsieb, spiċċa quddiem l-Inkwiżitur u ġie interrogat wara li jkun wasallu li jkunu qed isiru ċertu prattiċi li l-knisja tistmerrhom jew saħansitra wkoll tikkundannahom. Nafu li hemm diversi stejjer irrekordjati fl-arkivji tal-Inkwiżizzjoni, oħrajn iżjed 'l hawn fiż-żmien. Lejn is-seklu dsatax, insibu li kien hemm ukoll każijiet li anke daħlet fihom il-pulizija, wara li kien ikollha rapport minn xi spiżjar jew tabib tar-raħal.

Kull ħaġa li tidħol fil-ġisem jew tbabas biha l-ġisem, ser ikun hemm reazzjoni kuntrarja jekk ma ssirx kif għandu jkun, anke jekk ikun saħansitra ikel jew mediċina. Nafu li l-mediċini jittieħdu bid-dożi u l-ħinijiet preskritti, altrimenti jistgħu jservu ta' velenu li jikkawżawlna perikli serji, jekk mhux ukoll il-mewt. Min-naħa l-oħra dawn avolja pjanti, xorta jistgħu jkunu valenużi u flok ta' ġid jistgħu jservu ta' ħsara għas-saħħa. Fl-antik kienu għadhom ma għarfux l-eżistenza tal-mikrobi, li kienu jxerrdu l-mard u għalhekk bla ma jafu kienu f'ċertu każijiet qed jiġu infettati. Ma jfissirx li ma kinux ħafna wkoll il-każijiet li dawn il-prattiċi tagħhom ma ħadmux. Nemmen ukoll illi minkejja li l-bniedem ilu jfittex u jistudja minn żmien il-qedem għal sustanzi li jinsabu fil-flora, sabiex minnhom joħroġ bl-aħjar mediċini li jistgħu jfejquh mill-mard, għad baqagħlu ħafna aktar xi jsib.

Fost ħafna ser naraw xi wħud minn dawn l-ispeċi naturali, addattamenti u prattiċi li ġejjin minn tradizzjonijiet antiki ħafna:

- L-għasel tan-naħal u l-propolis, żewġ sustanzi differenti magħmulin minn naħal. Bħalma nafu lkoll l-għasel tajjeb għas-saħħa b'mod ġenerali. L-aktar imfittex għas-sistema respiratorja, sogħla, grieżem, il-qalb taħdem aħjar, duwwa



għal fuq il-ġilda eċċ. Il-propolis huwa wieħed mill-aqwa komponent antibajotiku naturali li jeżistu. B'kollaborazzjoni ma' ċentri oħra tar-riċerka barranin kien qed isir studju fuq l-għasel ta' Malta b'mod partikulari minħabba l-possibbilità li tista' tiġi żviluppata kura għal mard tal-kanċer tas-sider minn sustanza li tinsab ġewwa fih.

- Fungi u likeni, għalkemm bħala komponenti jidhru wkoll l-istess, huma antibajotiċi sensittivi ħafna għall-kubrit, kupru, merkurju u metalli oħra li jinbidlu f'gassijiet fl-arja. Dawn jiġbru fuq zkuk tas-siġar u weraq kif ukoll fuq wiċċ ħamrija qiegħdha.

- Iż-żnuber jinxtamm għall-katarru u djuretiku, l-Għargħar, ir-reżina tiegħu tajba kontra t-tħassir tas-snin u r-Rand dekott mill-weraq tiegħu jserraħ l-istonku mill-gass u għat-tisfija tad-demm.

- Il-ħabaq għall-irjieħ jitgħalla u jinxtorob l-ilma tiegħu, filwaqt li tajjeb ukoll bħala kalmant qabel ma' wieħed jorqod. Biex tikkalma min-nervi, jgħallu l-ilwiża jew għeruq tan-niġem.

- Għall-uġiegħ fil-widnejn, iqattru ftit żejt taż-żebbuġa fin, użat ukoll biex tindilek ir-ras u partijiet tal-wiċċ minħabba l-qoxra u s-saħħa tax-xagħar u għar-rilassament tal-muskoli meta jindilku bih. Iż-żejt taż-żebbuġa nafu wkoll li huwa komponent użat minn żmien il-qedem għall-ġid u l-kura varja tal-ġisem.

- Il-Klin, tajjeb għall-irqad, iserraħ il-menti, stimulant u disinfettant.

- Għall-uġiegħ ta' ras, tqatta' patata roti roti u tpoġġieha fuq ir-ras u torbot dawra mejt b'ċaruta.

- Għall-uġiegħ fl-għadam, rumatiżmu, kienu jsiru ġbajjar bil-fjuri tas-silla selvaġġa bajda jew bil-fejġel u basal tal-għansal.

- Qtar tal-lumi biex tfejjaq infjammazzjoni fl-għajnejn jew ukoll xi partijiet oħra teneri tal-ġilda.

- Għas-sogħla jpoġġu sufa sħuna (biċċa tal-franella) fuq is-sider msaħħna mat-tubu tal-lampa, qabel kienu jidilku dik il-parti tas-sider b'mustarda mħallta bil-ħall.

- Għas-sogħla konvulsiva, jgħallu l-weraq tal-fidloqqom ma' ftit ġulepp tal-ħarrub jew għasel mir-ragħaj tal-ħarrub. Il-ħarrub huwa wkoll frotta tassew tajba għas-saħħa.

- Meta jinstadd l-imnieħer, ibaħbħu bl-ilma u l-melħ ftit fietel ġo friskatur. Il-melħ tal-baħar ukoll huwa tajjeb ħafna u wżat minn żmien il-qedem sal-lum sabiex jikkura u jfejjaq il-ġisem minn ħafna problemi u kundizzjonijiet mediċi.

- Xkattapietra jew Xpakkapietra, tmexxi l-ġebla li titrabba fil-ġisem u djuretika.

- Is-salvja hija antibajotiku tajba ħafna għall-grieżem u tunsilli. Togħmoda għat-tindif u l-iġene tal-ħalq u s-snin, il-fwar tiegħu jserraħ il-menti u jnaffar l-insetti.

- Ħurrieq, jitgħalla għas-seqi, bronkite, dijabete, iqanqal il-ħalib tal-omm, jikkalma n-nervi u djuretiku.

- Dikott jew fumenta fuq il-ponot, jinxtorob għas-saħħa tax-xagħar, snin u dwiefer, taħsel bih biex ittaffi uġiegħ tal-muskoli, għas-serħan tas-saqajn u ħruq mix-xemx.

CHIMENTO
It means gold



VICTOR AZZOPARDI
Jewellers Est.1898
Pieta - Floriana

chimento.it

ARMILLAS
BE MINE



- Ħalib miz-zokk tat-tin, jintuża kontra l-felul u kundizzjonijiet simili tal-ġilda.

- Għad-deni rqieq, qabel ma' skoprew li kien ġej mill-ħalib tal-mogħoż, kienu jgħallu x-xewk tal-għotba, xewka safranija u jixorbu l-ilma tagħha.

- Iż-żejt tal-ward ta' Malta jitħallat mal-ħall u jiġi Ħall il-Ward. Jinxtamm sabiex wieħed jistejqer minn xi ħass ħażin.

- Il-kammumilla għall-uġiegħ ta' żaqq, trankwillant, ħasil fuq il-ponot u fuq l-għajnejn.

- Il-lumi mal-għasel, tajjeb għall-ġriżmejn, ażma u sogħla. Il-lumi bħalma nafu hija frotta li meta tittiekel tagħmel ħafna ġid lill-ġisem u żżommu lura minn ċertu mard. Kien soluzzjoni wkoll kontra d-duda u għal fuq għajnejn fjammati.

- It-tewm huwa tajjeb ħafna wkoll għas-saħħa b'mod inġenerali, fosthom biex iżomm il-pressjoni tad-demm tajba u kontra d-dud li jitrabba fl-imsaren.

- Il-basal ukoll huwa meqjus li jagħmel il-ġid lis-saħħa b'mod inġenerali, bħal isaffi l-ġisem minn ċertu impuritajiet. Basla mixwija, tiġbed 'il barra mill-ġisem xi skalda, musmar, xi biċċa ħġieġa jew oġġetti oħra simili, li jkunu ntrifsu u daħlet fis-sieq jew f'xi parti oħra tal-ġisem.

- Iż-żejt u ħall imħallta, jindilku u jimmessaġġaw partijiet tal-ġisem, l-aktar li jkunu mfekka jew milwija u biex jerġgħu jiddaħħlu lura ċertu nervituri f'posthom.

- Iż-żejt tax-xaħmet l-art, kien jindilek mal-wiċċ, l-idejn u s-saqajn għas-saħħa tal-ġilda.

- Iż-żejt tal-ħut li joqtor mill-fwied, jinxtorob għas-saħħa b'mod inġenerali, l-aktar għal dawk fjakki u debboli.

- Il-ful jinfirex fuq il-vini mqabbża u fuq partijiet bl-uġiegħ tal-ġogi, iwaqqaf ukoll id-demm li jkun ħiereġ minn xi ferita. Jittiekel misjur maffeġ ma' ħwawar biex itella' l-istamina.

- Bl-inbid, kienu jaħslu l-feriti. L-inbid aħmar tajjeb għaċ-ċirkulazzjoni u diġestjoni. Jissaħħan ukoll xi ftit mal-ħwawar, bħal kannella u msiemer tal-qronfol.

- Iż-żerriegħa tal-qargħa ħamra tittiekel għal kontra d-duda u ħruq fl-istonku.

- L-ilma tal-pepprin tajjeb biex tmewwet l-uġiegħ.

- Denb il-ħaruf, tajjeb biex imexxi l-ġebla u djuretiku.

- Il-fintusi kien ikun rakomandat illi jsiru lil min kien ikun ħa xi riħ, telagħlu d-deni jew uġiegħ fil-muskoli. Kienu jgeżwru xi sitt ħabbiet jew sold ma' ftit weraq taż-żebbug u ftit melħ ġo biċċa ċaruta, jagħlquha 'l fuq forma ta' ftila, ipoġġuha fuq id-dahar jew is-sider tal-marid ġeneralment u jqabduha bi ftit




# Proud sponsor of New Year's resolutions.

## Now you can.

**Great taste. Zero alcohol**

EST. 1873
Heineken®
0.0

*CONTAINS NO MORE THAN 0.05% ALCOHOL BY VOLUME

drinkaware.co.uk for the facts

# THE RIGHT PRODUCTS FOR ALL YOUR SEASONAL BUILDING PROBLEMS

SCAN ME
TO VIEW MORE INFO




**R.A. & SONS**
**MANUFACTURING LTD**

**www.rasonsltd.com**
info@rasonsltd.com | sales@rasonsltd.com

Gruwa Street, Xewkija XWK 2903 Gozo, Malta
(+356) 2155 6722 | 7950 5040

Warehouse N° 23, Hardrocks Industrial Park, Burmarrad NXR 6345, Malta
(+356) 2155 9369 | 7950 5041

żejt li jkunu ċapsu mat-tarf tagħha. Kif in-nar jaqbad, jifgawha b'tazza kbira bi ħġieġ oħxon. Dak il-ħin tibda tinġibed il-ġilda u tiġi forma ta' ħbejża 'l fuq fit-tazza, bit-tama li l-gwaj jinġibed u joħroġ 'il barra mill-marid.

- Għall-ferita b'demm ħiereġ, kien jinġabar koċċ għanqbut u jitpoġġa fuq il-ferita tnixxi biex jieqaf id-demm.

- Għat-trattib tal-kallijiet, kienu jagħmlu ġbara mill-qalba tal-ħobż u l-ħall marbuta b'ċarruta l-aktar għal matul il-lejl jew tadama maqsuma jew biċċa pala tal-bajtar tax-xewk miftuħa fuq il-kallijiet.

- Biex itaffu mill-ħruq ta' Sant Antnin, kienu jaħslu l-partijiet tal-ġilda affetwati, bl-ilma tal-ħurrieq, fidloqqom u ħubbejża.

- Minħabba deni qawwi, fil-biċċa l-kbira kienu jaqbdu fenek jew ġeru ta' kelb, jiftħuh minn żaqqu u jpoġġuh ċatt fuq żaqq il-marid. Kienu jemmnu li d-deni jew mard ieħor serju li kien ikollu l-marid ser jinġibed u jidħol f'dak l-annimal.

Fatt interessanti li l-marda tal-malarja kienu jaħsbu li ġejja mill-ilma qiegħed u peress li l-baħar tal-port il-kbir fis-seklu tmintax kien jasal sa Ħal Qormi (llum parti mill-kumpless sportiv tal-Marsa) kienu tal-idea li bid-duħħan teqred l-arja ħażina u l-mard li jkun jiġġerra fl-arja. Għalhekk il-Gran Mastru De Rohan kien ordna sabiex il-furnara minn ġol-Belt, imorru jarmaw il-fran tagħhom fl-inħawi ta' Ħal Qormi. Wara skoprew li l-marda ġejja minn xi insetti li jgħixu fuq art mogħxa s-sena kollha, bħalma kienu dawn l-inħawi f'dawk iż-żminijiet.

Xi wħud minn dawn l-ispeċi, minkejja li għad baqa' ħafna x'wieħed isemmi niftakarhom jien stess. Jien ġej minn familji tradizzjonalment bdiewa u raħħala, iġifieri dawn l-ambjenti u l-kulturi mdawra magħhom, xi wħud minnhom niftakarhom. Fil-biċċa l-kbira, milli smajt mingħandhom irrakkuntati b'ċertu dettall. Illum nostalġija, b'dispjaċir ngħid, kienu jdaħħluna f'dinja aktar sempliċi u serena, sabiħa, aktar ħielsa, innoċenti u altruistà u mhux daqshekk imniġġsa! L-ispeċi msemmija, xi wħud minnhom, għadna niltaqgħu magħhom fil-kampanja li għandna, iżda oħrajn sfortunatament spiċċaw biex inqerdu, jekk mhux ukoll ġew estinti. Il-fatturi prinċipali huma bejn l-iżvilupp bla preċedent li qed jesperjenza pajjiżna f'dawn l-aħħar diċenji, l-erbiċidi wżati ma' bexx ieħor b'kimiċi valenużi u t-tinġiż relattiv li qiegħed kontinwament jiġġenera fl-arja b'mod inġenerali. Dan jista' wkoll naqra naqra iwassal għal estinzjoni totali.

Kull meta mingħalik tipprova b'xi mod lin-natura toħdilha l-kontroll fundamentali li għaddielha l-ħolqien, ikun x'ikun it-tentattiv, ibqa' ċert li hi ser iddur għalik u tirrispondi bit-twissija. Iżda mal-ebusija tar-ras, is-suppervja, ir-rebgħa u l-egoiżmu sfrenat, ser terġa' tirrispondi bl-aktar mod aħrax u tat-twerwir. Jaqbillu l-bniedem jifhem darba għal dejjem u jinforma ruħu tajjeb dwar dan il-fenomenu u li għal kollox u fuq kollox jeżisti l-limitu.




BEAT
THE
TRAFFIC
PEUGEOT
Tweet
CYCLE WORLD LTD
21493656/21470053
www.cycleworldmalta.co
@cycle_world_ltd
CYCLE WORLD LTD.


medcomms
MARINE ELECTRONICS
2133 5521 - 2133 0147
info@medcomms.com.mt
FIND US ON FACEBOOK
GARMIN MALTA
beat yesterday.
GARMIN
Now is the perfect time to move


FREIGHT TRANSPORTATION
A partner that offers a personalised service.
BAS
A MEMBER OF THE CASSAR & COOPER GROUP
E: sales@basmalta.com
T: +356 2558 4899
FULLY INTEGRATED LOGISTICS SOLUTIONS

**MALTA POLICE UNION**
Your Choice. Your Voice.

Minn Neville Mercieca, Segretarju

**Kumitat Eżekuttiv Ġdid**
Nhar il-25 t'Ottubru 2021 ġie elett il-Kumitat Eżekuttiv ġdid li se jservi għall-perjodu ta' erba' snin. Dan il-kumitat huwa ffurmat minn membri li diġà kienu fil-kumitat, oħrajn li kienu shop stewards u oħrajn li ma ffurmaw qatt parti mill-istruttura tal-Union. Dan il-kumitat għandu wkoll membru mill-gżira ta' Għawdex, stazzjonat ġewwa Għawdex stess, kif ukoll membru femminili. L-esperjenza hija vasta u flimkien konvinti li nistgħu ngħinu lil dawk li jiġu bżonn xi wieħed mis-servizzi vasti li toffri l-Union.

**President:**
Sur Alexander Schembri

**Viċi-President:**
Sur Marlon Hili

**Segretarju:**
Sur Neville Mercieca

**Kontrollur Finanzjarju**:
Sur Andy Bellia

**Membri:**
Sur Antoine Grixti, Sur James Saliba Lorenzen, Sur Joseph Farrugia, Sinjura Ashley Vella u s-Sur David Xerri.

Il-President u l-Kumitat Eżekuttiv jirringrazzjaw lill-membri li kienu parti mill-Kumitat Eżekuttiv preċedenti għall-kontribut tagħom sabiex illum, għandna union iktar organizzata u preparata sabiex tħares l-interessi tal-membri tagħha b'mod serju u immedjat.

**Sħubija u l-Miżata**
Il-Kumitat Eżekuttiv ħaseb ukoll sabiex jikkonsolida l-alternattivi li membru għandu sabiex jissieħeb jew iġedded is-sħubija tiegħu mingħajr skariġġ. Apparti dawk diġà eżistenti; is-sit www.mpu.mt, membri tal-kumitat/shop stewards u r-Revolut, qegħdin inħejju s-servizz ta' Direct Debit mal-bank permezz ta' formola, jew opportunità li membru jagħmel din l-istruzzjoni għall-bank tiegħu direttament mill-online banking system tal-bank tiegħu mill-kumdità ta' daru.

IBAN: MT64APSB77046002569812569830018
BIC: APSBMTMTXXX
Numru tal-Kont: 12569830018
Bank: APS Bank plc

Il-miżata normali tiswa €20 (sena), €50 (3 snin), €50 (RPC ħlas ta' darba), €18 (Direct Debit).

Il-kumitat iddiskuta wkoll il-possibiltà ta' check-off, però sabiex jiżgura li ma jkun hemm l-ebda konnessjoni fid-data personali tal-membri tagħna mal-Korp, din is-sistema mhux se tiġi addottata. Infakkru wkoll li ġewwa l-uffiċċju naċċettaw Debit Cards, Visa, Mastercard, Google u Apple pay u contacless.

**Tilwim Industrijali**
It-tieni nofs ta' din is-sena kien wieħed impenjattiv għall-Union min-naħa ta' relazzjonijiet industrijali. Minbarra ż-żewġ azzjonijiet li dwarhom ktibna fil-ħarġa li għaddiet, il-Union irreġistrat:

- Assistenza mhux raġonevoli lil entitatjiet oħra;
- Sejħa diskriminatorja għal Assistent Kummissarju;
- Transfer ta' uffiċjali tal-Union;
- Ċirkulari dwar facial hair li mhix skont il-liġi;
- Nuqqas ta' protezzjoni tas-saħħa tal-membri tal-Korp billi ma tqegħdux fil-lista ta' prijorità sabiex jieħdu l-Covid-19 booster.

Rigward id-dispute tat-Traffic Management (2/2021), il-Union kif ukoll il-Korp, waqt il-laqgħat ta' konċiljazzjoni qablu li dan is-servizz għandu jerġa' jibda jingħata fuq bażi ta' Extra Duty on

Payment skont il-PSMC, meta jkun hemm uffiċjali disponibbli sabiex jiġi evitat li jsir revenue, stante li kullimkien hemm nuqqas ta' staff kif ukoll skont il-prijorità tas-servizzi mitluba.

Fuq il-każ tat-transfers ta' uffiċjali tal-Union (5/2021), dan ġie wkoll riżolt u d-dispute ġiet irtirata wara diskussjonijiet interni. Nixtiequ niġbdu l-attenzjoni li filwaqt li uffiċjali ta' union ma għandhomx jiġu trattati b'mod aqwa minn membri oħra, hemm konvenzjonijiet tal- International Labour Organisation (ILO) li jipproteġu speċifikament lill-uffiċjali tal-unions. Ma jkunx għaqli li nidħlu iktar fid-dettall, però dawk li jixtiequ jkunu infurmati iktar, jistgħu jirrikorru fl-uffiċċju tagħna u jingħataw spjegazzjoni dettaljata. Ma nħossx li jkun ġust li nagħlaq din il-parti mingħajr ma nirringrazzja lid-DG S. Sgandurra kif ukoll lill-AC K. Haber li huma l-punt ta' kuntatt tal-Union għall-assistenza li jagħtu sabiex jiġu riżolti diversi kwistjonijiet li jkollha l-Union mal-Korp.

**MPU App**
Matul dawn il-ġranet, il-Union qiegħda taħdem sabiex tvara l-app tagħha li tista' titnizzel mill-Google Play jew Apple Store. Il-Kumitat Eżekuttiv iħoss li l-komunikazzjoni mal-membri hija importanti ħafna u qegħdin nesploraw l-użu ta' kull teknoloġija disponibbli sabiex jassistuna nwasslu l-messaġġ tagħna lilkom.

**L-Ambjent tal-Uffiċini u tal-Għases**
Mid-dehra dan sejjer ikun suġġett rikorrenti, għaliex sar xogħol fuq diversi postijiet, għalkemm xorta ma għandhom x'jaqsmu xejn ma dak li għandhom barra xtutna, pero almenu huma ħafna aħjar minn dak li kien hemm. Hemm diversi aġġettivi li nistgħu nagħtu lil ċerta postijiet, pero ma sibtx waħda li tirrappreżenta r-realta b'mod 'pulit'. Hemm bżonn li dawn jitrenġaw b'mod immedjat u kollha flimkien, mhux ftit ftit. Hekk sejjer jieħu ammont kbir ta' snin u dawk li jaħdmu f'dawn il-postijiet sejrin jibqgħu jmorru għax-xogħol, f'post mhux idoneju u adegwat sabiex pulizija li suppost jirraprezenta l-Istat, jaħdem.

Nittamaw li l-pjanijiet li hemm, jitwettqu b'mod immedjat. Dan ukoll jgħin sabiex wieħed forsi jitħajjar jissieħeb mal-Korp jekk jara ambjent tax-xogħol li jinkoraġġik, mhux li jwerwrek. Bħal ngħidu aħna l-Għassa tal-Mosta, li hija xi ħaġa vvintata taħt taraġ ta' blokka bini. Nirringrazzjaw lill-membri u nsellmulhom talli kuljum, jirrapurtaw għax-xogħol f'dawn il-postijiet. Il-Union sejra tibqa taħdem sabiex kull post użat mill-Pulizija jkun adekwat u jkollu l-faċilitajiet kollha bħal changing room u shower li sfortunatament, anki l-postijiet li qegħdin jiġu rranġati ma għandhom. L-ippjanar għandu jingħata prijorità u l-esiġenzi għandhom ikunu tal-ħaddiema li se jaħdmu fil-binja, u mhux ta' dak li jippjana l-post.

**Shop Stewards**
L-MPU tqis li meta membru jkollu bżonn assistenza, għandu jsib lil xi ħadd li forsi huwa familjari miegħu sabiex jgħinu. Assistenza u għajnuna reċiproka hija essenzjali u għalhekk inħeġġigkom biex tagħtu s-sehem tagħkom sabiex bl-għajnuna ta' kulhadd, nimxu 'l quddiem. Dawk interessati għandhom jibagħtu email fuq info@mpu.mt.

**Għeluq**
Sfortunatament ħafna minn dak li niktbu jiġbed lejn in-negattiv. Dan għaliex dak li huwa negattiv jimpatta ħażin lil dak li jkun bil-konsegwenza li ma jibqax jagħti dak kollu li għandu u tibda tinħoloq ċerta apartija, li minnha mhux biss ibati l-individwu u l-Korp, iżda wkoll il-kollegi tiegħu, u allura rridu nkunu ċerti li kemm jista' jkun, għalkemm mhux dejjem possibbli, ikun hemm sistemi u ambjent tax-xogħol favorevoli għal kulhadd. Pero rridu wkoll nammettu li hemm diversi issues li ġew indirizzati jew li hemm rieda tajba sabiex dawn jiġu rranġati. Il-Union hija kommessa li tagħti l-kontribut tagħha sabiex it-tibdil, li ma jimpattax b'mod negattiv lill-membri tagħna jseħħ. Dak li huwa negattiv għall-membri tagħna, sejrin nibqgħu nopponuh bil-mezzi kollha disponibbli. Il-prijorità tal-Union, huma l-membri tagħha.

Il-President u l-Kumitat Eżekuttiv jawguraw il-Milied it-tajjeb u Sena ġdida mimlija risq lill-membri kollha tal-Korp, inkluż dawk pajżana.

# Esperjenza l-Maġija tal-Milied ġewwa l-Esplora

## Miktub minn Erica, Lead Programme Developer ġewwa l-Esplora

**Qatt iċċelebrajt Milied permezz ta' attivitajiet tax-xjenza li jqanqlu kurżità?**

F'Diċembru, bejn l-ewwel u t-tnejn u għoxrin ta' Diċembru, fl-Esplora, iċ-Ċentru Interattiv tax-Xjenza, se nkunu qed niċċelebraw - Milied man-Nanniet! Matul dan iż-żmien, il-viżitaturi li jippreżentaw il-Kartanzjan jew il-Karta tal-Identità ta' 60+ fir-reception mad-dħul, se jkunu jistgħu jdaħħlu fiċ-Ċentru żewġt itfal b'xejn li għandhom inqas minn 15-il sena.

Waqt dan iż-żmien ser inkunu qed nittrasformaw iċ-ċentru tax-xjenza b'dekorazzjonijiet tal-Milied u ħa nkunu qed noffru varjetà ta' xows u attivitajiet li n-nanniet jistgħu jesploraw man-neputijiet tagħhom!

Tinsab kurjuż dwar kif taħdem is-sistema diġestiva tagħna? L-ispettaklu tax-xjenza tagħna Body Wonders se jeħodkom fuq vjaġġ fil-ġisem tal-bniedem fejn il-komunikaturi tax-xjenza tagħna ser juru x'jiġri fil-passaġġ tal-ikel tas-sistema diġestiva tagħna.

U x'jiġik f'moħħok meta taħseb fil-Milied? Kesħa, xita u silġ? Kont taf li l-inqas temperatura li qatt ġiet irreġistrata f'Malta kienet ta' madwar 1°C? Malta ta' spiss ikollna temperaturi għoljin fi żmien Diċembru, però għal xi raġuni xorta għandna t-tendenza li nassoċjaw il-Milied ma' borra u temp kiesaħ kif normalment jidher fil-films. Iżda ċ-ċelebrazzjonijiet tal-Milied huma differenti skont fejn tgħix fid-dinja. Ipparteċipa fl-ispettaklu Weatherology u vvjaġġa biex tesplora t-temp u l-klima madwar id-Dinja.

U tinsiex iżżur l-EsploraPlanetarium! Li tara film fit-teatru b'medda ta' kuluri 4K hija esperjenza speċjali minħabba n-natura ta' kif inhu mibni t-teatru. Iżda tista' wkoll tara spettaklu mmexxi minn preżentatur fejn ukoll ikollok l-opportunità li ssaqsi kull tip ta' kurżità li jkollok!

Dan il-Milied ingħaqad magħna għal Wonders of the Night Sky: Edizzjoni tal-Milied. Ħares 'il fuq biex tiskopri kif il-kostellazzjonijiet jidhru minn Malta kieku ma kellnix tniġġis tad-dawl, u skopri kif tidher is-sema bil-lejl f'Jum il-Milied. L-udjenza ser tkun tista' tivjaġġa lejn l-Istazzjon Spazjali Internazzjonali (ISS) sabiex tiskopri kif l-astronawti, li jitilgħu biex jagħmlu riċerka fl-ispazzju, jiċċelebraw il-Milied flimkien.

Żur Esplora, iċ-Ċentru Interattiv tax-Xjenza, għal esperjenza unika dan il-Milied. Għal aktar informazzjoni, kun żgur li tiċċekkja s-sit elettroniku tal-Esplora www.esplora.org.mt, jew ikkuntattjana fuq 2360 2301.

**Nixtiqulkom Milied hieni u s-Sena t-Tajba mingħandna lkoll ġewwa l-Esplora!**

esplora
ESPLORA I Interactive Science Centre, Kalkara KKR 1320
info@esplora.org.mt 2360 2301

Dan huwa avviż bi ħlas




Discover
the magic of play
vtech
Go!Go! Smart Wheels
Reborns
Cousins
Trading Ltd.
ToyBeez
toybeez.com
LEGO
FurReal


alRock
POWERED BY PEOPLE WITH LONG HAIR
BROADCASTING ON DAB+
WITH
HIGH DEFINITION AUDIO
QUALITY
DigiBNETWORK


THE MALTA NATIONAL
AQUARIUM
YOURS TO DISCOVER
WWW.AQUARIUM.COM.MT
INFO@AQUARIUM.COM.MT | TEL:2258 8100
JOIN US ON FACEBOOK.COM/MALTANATIONALAQUARIUM
VALID UPON PRESENTATION OF THIS ADVERT
€3
DISCOUNT
VALID ON NORMAL
ADULT ENTRY


Homemate
Malta's Largest Home Improvement Store


SLIEMA MULTI-STOREY
CARPARK
SLIEMA MULTI-STOREY
WORKSPACE
CARWASH
LAUNDRY
HIGH STREET SLIEMA
www.cccp.com.mt
CATHEDRAL STREET
SLIEMA MULTI-STOREY CARPARK
HIGH STREET
TOWER ROAD
S. PETER STREET
HSBC


SHOP AT THE POINT
& RECEIVE ONE*
FROSTY FRIENDS
Hot Water Bottle
WHEN SPENDING ANY AMOUNT ABOVE €150
BOTTLE INCLUDED
THE POINT SHOPPING MALL
THE POINT
SHOPPING MALL
* T&Cs Apply. Until stocks last


Not just a FIREPLACE
But a
DESIGN STATMENT
barbas bellfires.
IL CAMINO
HEARTH at HOME LTD
Il Camino Hearth at Home Ltd.
48/49, Fleur De Lys Road,Birkirkara BKR9063, Malta.
www.ilcamino.net | info@ilcamino.mt | +356 7988 8999


COSECASA
THE HOUSEHOLD SHOP
WWW.COSECASA.COM
77 THREE CHURCHES STREET, BALZAN BZN 1300, MALTA


PINCOTT
SECURITY
Established 1972
Address: 185 Rue D'Argens, Msida MSD 1360, Malta.
Tel: 21330200 / 21311683
Fax: 21343908
E-mail: sales@pincottsecurity.com
Website: www.pincottsecurity.com
The Directors, Management and Staff would like to express their warmest wishes for the festive season.

Minn PS 1583 Steve Spiteri – Viċi President

Merħba għal ħarġa oħra tal-magazine Il-Pulizija. Din hi s-sezzjoni tal- Police Officers Union.

**R.S.M**

Din is-sena kienet l-aħħar sena tal-President tal-Police Officers Union R.S.M. Ray Zammit fil-Korp tal-Pulizija. L-R.S.M. Ray Zammit kien ħa l-ġurament fil-21 ta' Frar 1976. Filwaqt li l-kapitlu fil-Korp tal-Pulizija wasal fi tmiemu, Ray Zammit fadallu x'joffri ħafna iktar bħala President tal- P.O.U. – G.W.U.

**Leave tal-maternità**

Talba li saret mil-Police Officers Union naqra ta' żmien ilu kienet rigward il-leave tal-maternità. Meta uffiċjal jieħu t-tmintax il-ġimgħa leave intitolat mill-liġi, l-istess uffiċjal jiġi 'posting pool' jiġifieri jitlef il-posting li jkun qed jokkupa. L-amministrazzjoni aċċettat li din is-sitwazzjoni tinbidel u l-uffiċjal iżomm postu għal dawk it-tmintax-il ġimgħa sakemm dak il-post ikun jippermetti. Grazzi lill-amministrazzjoni li laqgħat it-talba tagħna u grazzi għal min għadda din il-proposta lilna biex aħna stajna naħdmu fuqha

**Uffiċċju ġdid tal- P.O.U. – G.W.U**

Il-Police Officers Union issa qed topera mil-uffiċċju tagħha li jinsab il-Floriana fejn il-garaxx tal-pulizija. L-uffiċċju qiegħed eżatt bejn il-pompa tal-petrol u d-daħla tal-garraxx tal-pulizija. Dan l-uffiċċju ħa jibda jkun miftuħ bil-ġurnata mit-tnejn sal-ġimgħa. Biex ma tinqalgħux għalxejn nitlobkom tagħmlu kuntatt magħna biex tikkonfermaw li jkun hemm xi ħadd.

**Numru tal-mobile**

Biex intom il-membri tagħmlu kuntatt magħna aħjar, il-Police Officers Union qed tniedi servizz ġdid. Apparti l-għażliet li diġà tużaw issa għandna numru tal-mobile speċifiku. Dan in-numru huwa 79010777. Dan is-servizz ħa jkun għal ħinijiet tal-ftuħ tal-uffiċċju. Nixtiequ nfakkru li min jixtieq jagħmel kuntatt magħna hemm ukoll il-paġna ta' Facebook, ix-shopstewards li għandna mifruxin fid-distretti u fil-branki kif ukoll lill-membri tal-kumitat ċentrali.

**Booster tal-Covid-19**

Il-Kumitat kiteb lill-Ministru tal-Intern Byron Camilleri, lill-Ministru tas-Saħħa Chris Fearn u lill-amministrazzjoni tal-Pulizija rigward il-booster għal-Covid-19. Il-P.O.U. talbet li l-Korp tal-Pulizija għandu jingħata l-booster tal-Covid-19 mill-aktar fiss possibbli. Dan meta wieħed iqis li l-Pulizija jħabbtu wiċċhom ma' kull tip ta' eventwalità waqt il-qadi ta' dmirijiethom. Sakemm inkiteb dan l-artiklu, il-P.O.U. għadna ma ħadna l-ebda risposta.

**Direttivi**

Il-Police Officers Union konxja li d-distrett huwa wieħed mill-postijiet fil-Pulizija fejn hemm problema ta' nies biex ilaħħqu mad-domanda tax-xogħol; ċertu distretti aktar minn oħrajn. Li jkollok fuq sebgħin ruħ mat-tfal tal-iskola filgħodu u l-istess waranofsinhar ikompli jgħarraq il-pożizzjoni tad-distretti. Speċjalment meta r-responsabilità mhux qegħda f'idejn il-Pulizija. Biex nagħmluha ċara, il-kunċett li mat-tfal tal-iskola jkun hemm Pulizija huwa wieħed tajjeb għal diversi raġunijiet. Kemm

bħala interazzjoni mal-pajżan kif ukoll bħala ġbir ta' informazzjoni. Iżda sakemm hemm nuqqas ta' nies, din is-sitwazzjoni ma tagħmilx ġid. Meta d-distrett jerġa' jitla' fuq saqajh ma nsibu l-ebda oġġezzjoni li jkun hemm il-patrol fil-ħinijiet tal-iskola. Ladarba wara diversi talbiet u laqgħat ma wasalniex, kellna neskalaw is-sitwazzjoni. Il-P.O.U – G.W.U. ħarġet direttivi lill-membri tagħha li mit-18 ta' Settembru 2020 ma titqaxxarx il-leħja u ma tintlibisx beritta. Wara aktar taħditiet u bqajna fl-istess sitwazzjoni, żidna d-direttivi u minn nhar it-28 ta' Settembru żidna d-direttivi li l-uffiċini distrettwali u dawk li qegħdin fid-depot tal-Pulizija ma jaqdux nies waranofsinhar u ma tintlibisx il-lanyard. Minn l- 1 ta' Novembru erġajna żidna li ma tintlibisx l-ingravata u l-Pulizija nisa ma jiġbrux xagħarhom diment li ma jkunx ta' periklu għalihom li jħalluh imnizżel. Ċertu skejjel bdew jużaw is-servizz tal-LESA u sakemm inkiteb dan l-artiklu l-kumitat tal-Police Officers Union kellu laqgħa skedata mal-Ministru tal-Intern Byron Camilleri rigward din is-sitwazzjoni.

**Sistema ġdida għall-pagament tal-miżata**
Min diġà qiegħed membru jew għal min irid jidħol membru ġdid bdejna sistema ġdida għall-ħlas tal-miżata. Dan huwa billi timlew formula u kif tiġi proċessata jibdew jinqatgħu 3.85 euros minn kull paga. Meta tapplikaw għal din is-sistema tirċievu card mingħajr data ta' għeluq. Kull ma għandkom tagħmlu huwa li tibagħtu email fuq *policeofficersunion@gmail.com* u titolbu l-formula tal-'monthly checkoff'. Din għanda timtela u tintbagħat lura. Il-mument li nirċievu l-formula ffirmata intom tkunu membri mal-P.O.U.

**Grazzi**
Grazzi tas-support kollu li ttuna u li tafdaw lilna bħala P.O.U. li nkunu t- tarka tagħkom kif ukoll dawk il-membri li sena wara sena jibqgħu jagħżlu lilna bħala t-tarka tagħhom. Aħna mingħajrkom ma aħna xejn.

**Awguri**
Bħala Viċi President, f'isem il-President Ray Zammit, is-segretarju Chris Ellul, il-kumitat ċentrali flimkien max-shopstuards tal-Police officers union fi ħdan il-General Workers Union nixtieqı l-Milied it-tajjeb lilkom u lill-familja tagħkom kif ukoll nixtiqulkom sena ġdida mimlija ġid u saħħa.
Il-Festi it-tajba


OVER 40 YEARS EXPERIENCE
IN THE PRIVATE, COMMERCIAL,
INDUSTRIAL AND NATIONAL
CONSTRUCTION SECTORS
BONNICI
BROTHERS
Bonnici House, Sardine Street, Burmarrad, SPB6073, Malta
T: (+356) 2359 6000 E: info@bbg.com.mt
bonnicigroup.com


Ph Borg Ltd.
FUEL & LPG SUPPLIER
We delivery Fuel and LPG to
Hotels · Domestic · Industrial · Farms · Yachts
WE FOCUS ON
Timely deliver
Excellent quality products
24/7 delivery service
Flexible credit terms
... all of which are offered by our trained staff and well equipped vehicles"
FUEL & L.P.G SUPPLIER
PhBorg Ltd.
Joseph Yard, Triq Il-Prinjol, Wied Il-Ghasel, L/O Naxxar, NXR 6345
mob: 9949 1177 web: www.phborgltd.com email: info@phborgltd.com


www.medservenergy.com
MED serv
Oil / Gas
LOGISTICS SOLUTIONS
OCTG MANAGEMENT
ENGINEERING SERVICES
Experienced
Reliable
Committed Partner
TRACE CERTIFIED
CYPRUS | EGYPT | IRAQ | LIBYA
MALTA | OMAN | SURINAME
UNITED ARAB EMIRATES




Mosta Bacon Co. Ltd.
was formed in 1988. Today, we are one of the largest companies in the manufacture of meat products. Fresh local pork is Mosta Bacon's main raw material. We are engaged mostly in the production of processed foods which includes:

- Bone-In Ham & Gammon
- Ham (Picnic & Smoked)
- Arrosto
- Bacon
- Mortadella
- Minced Meat (Beef & Pork)
- Burgers
- Sausages (Maltese, Breakfast, Frankfurters, Smoked, Chili & Dry)
- Meat Balls

**Mosta Bacon also imports:**

- Fresh Angus Rib-eye
- Veal
- Chicken
- Lamb
- Ducks
- Chips
- Mozzarella

Our clients include butchers, mini markets, supermarkets, restaurants and hotels.

**Mosta Bacon Co. Ltd. Address: 115, Hope Street, Mosta MST 1306**
**Tel. No.: 21414637 / 21432102**
**Fax: 21433569**
Email: info@mostabacon.com
Website: www.mostabacon.com






# Malta Association of Retired Police Offers

Intervista ma’ Ex PC 252 Stephen Mallia - mis-Sur Martin Pace – Assistent Segretarju MARPO

Nhar is-17 ta’ Mejju 2021, fl-uffiċċju tal-Kwartieri tal-Assoċjazzjonijiet, il-Menqa, iltqajna ma’ Stephen Mallia, ex PC 252. Twieled il-Belt Valletta fis-sena 1964 imma għal dawn l-aħħar żminijiet kien residenti f’Tal-Pietà.

Stephen minn dejjem kienet tattirah l-uniformi, u għalhekk meta ġiet l-opportunità sabiex jingaġġa fil-Korp, fis-sena 1985, daħal. Dak iż-żmien kienu jsiru adhoc courses, fejn illum hemm l-uffiċini tal-HR, u xi ġimgħa taħriġ fiżiku fl-ex barracks tal-Ingliżi, f’Għajn Tuffieħa. Kien stazzjonat l-ewwel fil-Mobile Squad bl-użu tal-landrovers ta’ żmien l-Ingliżi. Ħadem is-Security Branch, reġa’ lura l-Mobile, l-Immigrazzjoni fl-ajruport, wara fid-distretti ta’ Raħal Ġdid, Birkirkara u Tas-Sliema. Temm is-servizz minn Birkikara fis-sena 2010.

Il-ħabib tagħna jħoss li sabiex tkun pulizija ta’ veru trid tmiss mad-distrett. Anzi jenfasizza li sabiex tkun pulizija tajjeb trid tibda bid-distrett, mhux għaliex l-branki mhumiex essenzjali imma bħala magħmudija, il-pulizija għandu jagħmel l-ewwel passi bl-uniformi fid-distrett taħt mentor tajjeb. Hawn Stephen fakkarna li meta kien stazzjonat Raħal Ġdid, kien ikollu jimxi mid-dar sal-għassa u fit-3am kien ikun diġà fuq saqajh għall-first watch. Mill-Belt għal Raħal Ġdid, għaliex tkun għadek mingħajr vettura u dak iż-żmien ukoll kien qiegħed jaħseb biex jiżżewweġ u ma jkollokx mezzi finanzjarji sabiex tixtri mezz ta’ trasport.

Jirrakkonta li waħda mill-esperjenzi tal-biża’, kienet kull maltempata li tolqot il-Gżejjer Maltin. Billi Birkirkara, minħabba l-wied, kien jinġabar ħallel ta’ ilma kbir u mhux l-ewwel darba flimkien ma’ kollegi, dak iż-żmien u bl-għajnuna tat-Taqsima tat-Tifi tan-Nar isalvaw nies li nqabdu fil-wied bil-ħbula u jirnexxielhom iwaqqfu karozzi milli jkomplu jitkaxkru. Huwa jgħid li l-agħar esperjenzi tiegħu meta kienu jattendu fuq każijiet ta’ suwiċidju, l-aktar meta jkunu vjolenti. Stephen huwa sportiv u dilettant kbir tal-football u tennis, u kien ukoll jieħu sehem fit-timijiet tal-pulizija. Hawn semma’ lill-ex kollegi bħal Frans Gori Zammit u Vincent Busuttil, sportivi kbar. Kienu jiġu organizzati kompetizzjonijiet bejn il-membri tal-Korp, u xi kultant minħabba injuries kien hawn min ma jinkoraġġixxix l-isport, li huwa xi ħaġa tajba għall-Korp.



**Scale Modelling**




Hawn wieħed jaffaxxina ruħu bil-passatemp li għandu Stephen, għalkemm huwa persuna nervuża. L-aktar ħaġa li tirrillassah huwa l-iscale modelling, liema delizzju trid ħafna żmien u paċenzja. Jirrakkonta li beda meta kellu 12-il sena, kien hemm ġirien tiegħu li kien jibni ajruplani u huwa għenu jagħmel wieħed u beda bl-ewwel passi. L-ewwel mudelli kienu tal-Airfix, Heller u Matchbox. Stephen huwa wieħed mill-membri tal-SSM (Society For Scale Modellers) u ilu membru mill-1981. Normalment l-għaqda tagħmel wirja annwali ġewwa l-Mużew Marittimu, il-Birgu.

L-ewwel kompetizzjoni estera kienet fir-Renju Unit u kien ipparteċipa b'ajruplan u kien spiċċa ġie minn ta' quddiem. Ovvjament biex tibda trid tinvesti f'xi għodod u pniezel. Beda jibni l-figurini b'kumbinazzjoni wara li waqt li kien qed jikkompeti barra, fl-1993, il-mara tiegħu talbitu biex jixtri wieħed u jiżbgħu biex tagħmlu fil-vetrina. Minn hemm ma ħarisx lura u saħansitra beda jiskolpa xi figurini huwa stess. Fis-sena 2000 ħa sehem fl-Iskozja fil-Kampjonat tad-Dinja u rebaħ 2 midalji tal-bronż. Mar aħjar meta kkompeta fil-kampjonati tad-dinja ta' Boston fl-2005 u spiċċa rebaħ 2 midalji tal-fidda. Fi Stresa, l-Italja, fis-sena 2014, rebaħ 2 midalji tal-fidda. Ġewwa Chicagov fl-2017, ġab waħda deheb u oħra fidda. L-ewwel midalja tad-deheb li qatt kompetitur Malti rebaħ fil-Kampjonati tad-Dinja.

**Miniature Figure Collectors of America**

L-2015 kienet is-sena li fiha ġie nnominat MFCA Grandmaster ġewwa Philadelphia, l-Amerka. Fl-istess sena ġie nnominat Grandmaster ġewwa Chicago, l-Amerka. Ta' min jgħid li dawn kienu żewġ unuri prestiġjużi ħafna. Sal-lum, Stephen huwa l-uniku Malti li ngħata dan l-unur, liema unur ikun magħżul mill-Grandmasters ta' qablu. Sintendi jkun laħaq l-għola livell fil-qasam tiegħu. Huwa wkoll judge u jiġi mitlub jattendi minn soċjetajiet minn pajjiżi oħra sabiex ikun judge fil-kompetizzjonijiet tagħhom.

Il-perjodi li huwa l-aktar rinomat għalih huwa l-perjodu ta' żmien Napuljun, minħabba l-varjetà u ġmiel ta' uniformijiet. Ix-xogħol ta' Stephen imur f'kollezzjonijiet privati u jiġu diversi kummissjonijiet minn klijenti u kollezzjonisti, bħal fotografu magħruf amerikan David Levinthal, fejn huwa jippubblika kotba fuq il-mudelli maħduma minn Stephen. Ħafna mill-figurini huma uniċi, datati u ffirmati. Illum il-ġurnata Stephen huwa rtirat mis-servizz, imma impjegat fis-settur tas-sigurtà. Saret tradizzjoni li nitolbu lill-mistieden tagħna sabiex jgħaddi messaġġ lill-membri tal-Korp u l-qarrejja. Stephen qalli li kull uffiċjal għandu jkun integru, onest u ta' subgħajh dritt, importanti li jkollu kuntatt mas-soċjetà kollha. Nirringrazzjaw lill-membru tagħna ta' din l-intervista.

Il-President u l-Kunsill tal-Malta Association of Retired Police Officers jawguraw lilek u lill-familja tieghek il-Milied u s-Sena t-tajba mimlija Risq u Paci.

**Miżata**

Issa li riesaq iż-żmien biex titħallas il-miżata tal-għaqda, inħeġġeġ lill-membri biex jaġġustaw il-ħlas dovut ta' €5 fis-sena. Il-ħlas jista' jsir b'dawn il-mezzi:

1] Money Orders pagabbli lil JOSEPH BORDA MARPO
2] BOV Mobile App fuq 99459583
3] Revolut fuq 99459583

Jew fl-uffiċċju tal-għaqda ġewwa l-Menqa, kull nhar ta' Tnejn bejn id- 9am u 12pm u Għawdex fl-uffiċċju tal-Għassa tar-Rabat.


SCICLUNA
Enterprises Ltd.
ADDINOL
THE ART OF OIL · SINCE 1936
WEAPON OIL FOR PROFESSIONAL CARE
&
MANY OTHER TYPES OF LUBRICANTS
THE ART OF OIL · SINCE 1936
165, Congress Road, Mosta, Malta
Email: info@sciclunaenterprises.com
Tel: +356 2143 2997, 2143 2992
www.sciclunaenterprises.com


The KIA
RIO
kia.com
Movement that inspires
F KM804
MOTORS INC
KIA SHOWROOM
MDINA ROAD, QORMI, QRM9010, MALTA
T. (+356) 2269 2000 | E. KIASALES@MOTORSINC.COM.MT | FB. /KIAMALTA
7 YEAR WARRANTY
QUALITY REDEFINED


POPEYE VILLAGE
THE POPEYE FILM SET · MALTA
Santa's Toytown
AND HIS MAGICAL ELVES
AT POPEYE VILLAGE
EXHIBITS • GAMES
FUN • ANIMATION
Discover the surprise for this year and enjoy all the activities at Popeye Village during the Christmas Period we have in store for you and your family.
Tel.: 2152 4782/3/4 E-mail: info@popeyemalta.com www.popeyemalta.com
popeyevillagemalta


Melita
GARDENS
• Restaurant • Pizzeria • HUB22 Wine Bar
• Tea and Coffee Gardens
ALSO CATERING FOR PRIVATE FUNCTIONS
Tel: 2147 0663/4 email: info@melitagardens.com.mt


Il-Qronfla
Malta's Foremost Florists | Lewis Micallef Co. Ltd.
NOW WITH NEW PREMISES AT SALINA ROAD NAXXAR!
New Premises Featuring 1400+ Sqmt, Plant & Flower Shop, Christmas Shop,
Boutique Sections, Breathtaking Views, Ample Free Parking & More..
Qronfla.com
21 442 600
Salina Road, Naxxar
253, Main Street, Balzan




# Paġna tal-Isports

**Mesa Bowling Tournament**

Nhar it-8 ta' Novembru, ġewwa l-Eden Bowling Arena, ġie organizzat mill-MESA Bowling Tournament fejn it-Team tal-Pulizija tal-Bowling ipparteċipaw. Dan it-team kien iffurmat minn Ps 845 Ian Vella, Ps 1122 Arthur Rizzo, Ps 492 Melchior Micallef kif ukol rekluta Miguel Xuereb. Huma kkompetew kontra Teamijiet li jieħdu sehem anke fil-kampjonat Lokali bħal BOV u MIA.

B'kollox ħadu sehem 12-il Team li bejniethom fuq żewġ rounds, l-aqwa 4 jerġgħu jikkompetu sabiex jinħatar ir-rebbieħ. Ta' min jgħid li t-Team tal-Pulizija għadda mil-ewwel u l-aqwa 4 teams f'din il-kompetizzjoni u spiċċaw f'din il-pożizzjoni sa l-aħħar ta' dan l-avveniment.
Il-Kumitat Sportiv jixtieq jirringrazzja lill-dawn il-membri li tassew għamlu unur lill-Korp f'din il-kompetizzjoni.

**Police 5 a side Football Christmas Tournament**

Bħal kull sena, il-Kumitat Sportiv ser jorganizza il-5 a side Football Christmas Tournament li tant ikun mistenni mill-membri tal-Korp. Dan it-tournament ser isir ġewwa l-Pieta Football Grounds, u aktar informazzjoni dwar ir-rebbieħ ser tingħata fl-edizzjoni li jmiss.

**Commissioners Cup**

Nhar is- 17 ta' Diċembru, ser tintlagħab il-logħba futbol ta' ħbiberija bejn il- High Ranking Officers kontra Other Ranks, f'dik li hi l-Commissioners Cup. Bħal edizzjonijiet ta' qabel, din il-logħba hija mhux biss kompetittiva iżda avveniment sportiv li turi għaqda bejn il-membri. Fl-edizzjoni li jmiss jingħata r-rebbieħ ta' din it-tazza.

**Polrun 5km Race**

Fis-26 ta' Diċembru, il-Kumitat Sportiv ser jorganizza l-ġirja magħrufa bħala 'Polrun', li tikkonsisti f'ġirja ta' 5km li tibda minn 'Kennedy Grove' u tintemm Baħar iċ-Ċagħaq. F'din il-ġirja jieħdu sehem mhux biss membri tal-Korp, iżda anke membri tal-pubbliku li sena wara sena, din l-attività dejjem tikber fin-numru ta' parteċipanti. Il-Kumitat Sportiv iħeġġeġ lil kull min hu interessat li jipparteċipa, jagħmel kuntatt mal-membri tal-MPSC għal aktar informazzjoni.




carini
Bathrooms & Tiles
435, St. Joseph High Road
St. Venera
tel: 21440202 | 21449641
floor tiles: 21482849
www.carinibathrooms.com


STANDARD AND
CUSTOM-MADE STAIRCASES
Calibre
INDUSTRIES
Architectural Aluminium, Glazing,
Steel, Timber & Turnkey Projects,
Furniture & Joinery Work
UB32, Industrial Estate, San Gwann
t: 2148 9821 / 2 • e: info@cortisgroup.com
www.cortisgroup.com
www.facebook.com/CortisGroupCalibreIndustries


LIEBHERR
Quality, Design and Innovation
Side-by-Side
fridge-freezers
A++
No Frost
Smart Steel
25%
discount
AVAILABLE FROM
flamingo
let's make homes together
Cannon Road, Qormi. Phone: 2279 4205 flamingo.com.mt


WÜRTH
eshop.wuerth.com.mt
Würth Limited, Würth Centre, Mdina Road, Zebbug - sales@wuerth.com.mt - T:2149 4604


ENTRAL CEMENT LIMITED
Incorporating Jumbo Bags Ltd.
Importers & Suppliers of:
• Bulk Cement (portland, high-sulphate resistant, pozzolanic)
• Packed Cement in bags of 1500kg, 50kg & 25kg
• Different Types of Cement (grey & white)
• Sand & gravel in bulk (dolomite, limestone, basalt, silica etc)
• Gypsum in bags & other building materials
FOR BEST QUALITY & SERVICE
Office: 21 232 920 / 21 667 050
Office: 99 497 023 / 99 992 920
Office: 21 221 659
Silo Mobile: 99 064 033
Silo Mobile: 99 431 787
CENTRAL CEMENT LIMITED MALTA
PORTLAND CEMENT 42.5 R
Type II/A-LL
50 Kg
Packed in Malta
MSA-EN. 197-1:2011
EXPERIENCE
35 YEARS
EXPERIENCE
'CemHouse', National Road, Blata l-Bajda HMR 9011
admin@centralcementltd.com
www.centralcementltd.com


BALLUT BLOCKS
Ballut Blocks Ltd. Wied Filep, L/O Naxxar, Malta
Tel: (356) 21573093, 21572666,21576419, 21487738 Fax: (356) 21575562 E-Mail: ballut@ballutblocks.com
Ballut Blocks, formed in 1951, is one of the earliest to be established in the local building and construction industry and was amongst the very first to be registered as a limited liability company in 1964. Over the years the Company has expanded, from the production of concrete blocks to the manufacture of all types of prefabricated concrete products and to the formation of a comprehensive fleet of specialised equipment for earth-moving, rock cutting and other civil engineering works.
FROM STRENGTH TO STRENGTH
PROVIDING SERVICE TO THE CONSTRUCTION INDUSTRY
Precast Windows
Demolition Works
Trenching Works
Concrete Bricks
Excavation
Precast Slab Roofing
Tunnelling
Tunnelling Machine
Ready Mix Concrete
Piling Machine
Piles
Precast Walls
GPC Concrete Solutions
General Precast Concrete Ltd Hal Far Industrial Estate
www.ballutblocks.com

# Rokna ta' tfal

Tpinġija mit-tfal




**Lennon Gatt - 3 snin**

*Dawk il-membri tal-Korp li għandhom it-tfal u jixtiequ jagħtu s-sehem tagħhom f'din il-pagna, permezz ta' kitba relatata mal-Korp tal-Pulizija, jistgħu jagħmlu dan billi jagħmlu kuntatt mal-Bord Editorjali fuq **magazine.police@gov.mt***


2157
PULIZIJA



# Apprezzamenti

Mingħand il-Kommunità

**From a facebook post,**

I would like to express my gratitude towards Police Officer 149 (Jesmond Abela). Yesterday (Wednesday 17th November), at around 13.30hours, my daughter had a car accident on a very busy road in Msida. Whilst on duty, Police Officer 149 was passing from the same road and stopped immediately to assist and took control of the situation. He made sure my daughter was safe and calm and stayed with her all the time. He also helped my daughter by calling the Towing Garage. When we arrived on the scene, Police Officer 149 was very friendly and polite and helped us all throughout.

I had no words to Thank him for his impeccable service! It meant the world to me. Unfortunately Police don't often get the 'thank you' they deserve.

**From a facebook post,**

Cempilna 119 u l-Pulizija PC 768 gie sahansitra fuq il-post biex jara b' ghajnejh. Ha r-ritratti u tana l-kelma li dawn se jigu mmultati. Nirringrazzjawh tas-sapport tieghu kontra l-kriminalita' ambjentali sfaccata li ghaddejja f' Malta kollha.

**From a facebook post,**

Nixtieq nuri l- apprezzament tieghi lejn shift partikolari gewwa l- ghassa ta' Hal Qormi. (Ps610, Pc2452, Pc2075, Pc377, Pc1513 u Pc978). Gara li fil- 15/10/2021 matul il- gurnata vettura ghaddiet minn triq il- Gdida f' Hal Qormi u laqtet erba' karozzi li kienu pparkjati fl- istess triq. Wahda minnhom inzertat kienet tal-mara tieghi. Ghamilna rapport l- ghassa Hal Qormi u sa l-ghada stess fin- night kienu ga bdew iduru fit- triq biex jigbru xi filmati li setghu kienu ta' ghajnuna. Kien b' dan l- agir li waslu ghall- vettura li laqtet il- vetturi pparkjati. Grazzi ghalihom ghollew isem il- Korp kemm maghna u ma tliett persuni ohra (sidien ta' vetturi l- ohra) li sofrew dannu b' dan l- incident.

**From an e-mail,**

With this email, I would like to thank Mtarfa Community Police especial PS 2346 and PC 721 for their speedy action in the case of my daughter (teenage run away). We are grateful that your team reached to me in a polite and assured manner and went to search for her immediately at Mdina. I was in a panic state and PC 721 help me to calm down and reassured me that all will be ok. I want to express my appreciation, salutation, and gratitude to PC721 for finding my daughter and stayed with her along with my partner, assisted in a very polite and calm manner for more than 2 hours and manage to convince her to collaborate and kept me informed all along. Also PS 2346 for calling me and following up and also for listening and calming the situation.



# Obitwarju



**Ex PC 1017 & RPC 3023**
**Joseph Sammut**
1958 – 2021
1986 – 2011 2014 - 2015



**Ex PC 891**
**Efrem Conner**
1935 - 2021
1979 - 1996



**Ex 1st SM 85**
**Francis Debattista**
1938 – 2021
1960 – 1990



**Ex PC 970**
**Salvu Camilleri**
1932 - 2021
1952 – 1977



**Ex WPC 14**
**Vicky Buttigieg**
1944 – 2021
1967 – 1983



**Ex WPC 27 & RPC 3107**
**Mary Rose Brincat**
1965 - 2021
1988 – 2003 2014 -2020



**Ex PC 262**
**Joseph Magro**
1950 – 2021
1970 – 2002



**Ex PC 1238**
**Alfred Pulis**
1947 - 2021
1969 – 1997



**Ex PS 231**
**Carmel Xerri**
1949 – 2021
1974 – 2005



**Ex PS 876**
**Anthony Bajada**
1928 – 2021
1951 – 1977 1977 – 1980



**Ex PC 1229**
**Emanuel Bonello**
1944 - 2021
1969 – 1980


SEARCHING FOR YOUR
PREFERRED INCOME
Vilhena High Yield Fund
4.68%*
Vilhena Sterling Income Fund
2.82%*
Vilhena Malta Bond Fund
2.12%*
*Current income yield as at 31/10/2021.
Talk to us | 2131 2020 | bovassetmanagement.com
Past performance is not necessarily a guide to future performance. The value of the investment may fall as well as rise and currency fluctuations may also affect the value of the investment. Any initial charges that may apply may lower the amount invested and the amount received upon redemptions. Investments should be based on the full details of the Vilhena Funds Prospectus, Offering Supplements and the Key Investor Information Document, which may be obtained from BOV Asset Management Limited, Bank of Valletta p.l.c., Branches and Investment Centres and other licensed financial intermediaries. The investments underlying these financial products do not take into account the EU criteria for environmentally sustainable economic activities. BOV Asset Management Limited is licensed to provide investment services in Malta by the Malta Financial Services Authority. The Vilhena Funds SICAV p.l.c. is licensed by the Malta Financial Services Authority and qualifies as UCITS. Issued by BOV Asset Management Limited, 58, Triq San Żakkarija, Il-Belt Valletta, VLT 1130, Malta. Tel: 2122 7311, Fax: 2275 5661, Email: infoassetmanagement@bov.com, Website: www.bovassetmanagement.com. Source: BOV Asset Management Limited.
BOV
ASSET MANAGEMENT
A MEMBER OF THE BOV GROUP

# SALAROO

MALTA'S MAINTENANCE-FREE

# INTERNET PAYROLL

WWW.SALAROO.COM




dakar®

SOFTWARE SYSTEMS

sales@dakarsoftware.com
www.dakarsoftware.com

T +356 2137 4078
F +356 2137 4090